Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0212(COD)

19.12.2025

EMENDI
282 - 504

Abbozz ta' rapport
Fernando Navarrete Rojas
(PE778.136v01-00)

L-istabbiliment tal-euro diġitali

Proposta għal regolament
(COM(2023)0369 – C9-0219/2023 – 2023/0212(COD))

Emenda 282
Rada Laykova, Siegbert Frank Droese
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad [il-proposta tal-Kummissjoni].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta hija nieqsa minn prova tan-neċessità, timponi kostijiet pubbliċi u privati konsiderevoli, tqajjem tħassib mhux solvut dwar il-privatezza u l-istabbiltà finanzjarja, u tistabbilixxi infrastrutturi tekniċi li jistgħu jintużaw ħażin minn amministrazzjonijiet futuri jew atturi privati. Fin-nuqqas ta' benefiċċji ċari u salvagwardji xierqa, il-proposta għandha tiġi miċħuda.

Emenda 283
Jorge Martín Frías, Hermann Tertsch, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Juan Carlos Girauta Vidal

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;	***imħassar***

Or. es

Emenda 284
Jorge Martín Frías, Hermann Tertsch, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Juan Carlos Girauta Vidal

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*

	1a. Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;

Or. es

Emenda 285
Jorge Martín Frías, Hermann Tertsch, Jorge Buxadé Villalba, Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión, Juan Carlos Girauta Vidal

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
2. Jitlob lill-Kummissjoni ***terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta*** tagħha***, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali***;	2. Jitlob lill-Kummissjoni ***tirtira l-proposta*** tagħha;

Or. es

Emenda 286
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, ***l-Artikolu*** 133 tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, ***l-Artikoli 128 u*** 133 tiegħu,

Or. en

Emenda 287
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Kummissjoni enfasizzat fl-Istrateġiji għall-Finanzi Diġitali u dwar il-Pagamenti bl-Imnut[20] ta' Settembru 2020 li euro diġitali, bħala munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, ikun jaġixxi bħala katalizzatur għall-innovazzjoni fil-pagamenti, fil-finanzjament u fil-kummerċ fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut. Il-Eurosummit ta' Marzu 2021 talab settur finanzjarju diġitali aktar b'saħħtu u aktar innovattiv u sistemi ta' pagament aktar effiċjenti u reżiljenti. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar, il-Grupp tal-Euro rrikonoxxa wkoll il-potenzjal ta' euro diġitali sabiex titrawwem l-innovazzjoni fis-sistema finanzjarja. F'dak il-kuntest, fi Frar u f'Marzu 2022 kemm il-Parlament Ewropew[21] kif ukoll il-Kunsill ECOFIN[22] laqgħu d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li jniedi fażi ta' investigazzjoni fuq sentejn ta' proġett tal-euro diġitali, li beda f'Ottubru 2021.	***imħassar***

---

[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE (COM/2020/591 final)

[21] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 20212021/2063(INI)

[22] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6301-2022-INIT/mt/pdf

Or. en

Emenda 288

Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ***Il-Kummissjoni enfasizzat fl-Istrateġiji għall-Finanzi Diġitali u dwar il-Pagamenti bl-Imnut[20] ta' Settembru 2020 li euro diġitali, bħala munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, ikun jaġixxi bħala katalizzatur għall-innovazzjoni fil-pagamenti, fil-finanzjament u fil-kummerċ fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut.*** Il-Eurosummit ta' Marzu 2021 talab settur finanzjarju diġitali aktar b'saħħtu u aktar innovattiv u sistemi ta' pagament aktar effiċjenti u reżiljenti. ***Fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar, il-Grupp tal-Euro rrikonoxxa wkoll il-potenzjal ta' euro*** diġitali ***sabiex titrawwem l-innovazzjoni fis-sistema finanzjarja. F'dak il-kuntest, fi Frar u f'Marzu 2022 kemm il-Parlament Ewropew[21] kif ukoll il-Kunsill ECOFIN[22] laqgħu d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li jniedi fażi ta' investigazzjoni fuq sentejn ta' proġett tal-euro diġitali, li beda f'Ottubru 2021***.	(1) Il-Eurosummit ta' Marzu 2021 talab settur finanzjarju diġitali aktar b'saħħtu u aktar innovattiv u sistemi ta' pagament aktar effiċjenti u reżiljenti ***u dak ta' Ottubru 2025 tenna li f'dinja li qed issir dejjem aktar diġitali, l-euro*** diġitali ***joffri opportunità strateġika biex jappoġġa sistema ta' pagament Ewropea kompetittiva u reżiljenti, li tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika tal-Ewropa, u ssaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro***.

[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE (COM/2020/591 final)

[21] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 20212021/2063(INI)

[22] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6301-2022-INIT/mt/pdf

Or. en

Emenda 289
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Kummissjoni enfasizzat fl-Istrateġiji għall-Finanzi Diġitali u dwar il-Pagamenti bl-Imnut[20] ta' Settembru 2020 li euro diġitali, bħala munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, ikun jaġixxi bħala katalizzatur għall-innovazzjoni fil-pagamenti, fil-finanzjament u fil-kummerċ fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut. ***Il-Eurosummit ta' Marzu 2021 talab settur finanzjarju diġitali aktar b'saħħtu u aktar innovattiv u sistemi ta' pagament aktar effiċjenti u reżiljenti. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar, il-Grupp tal-Euro rrikonoxxa wkoll il-potenzjal ta' euro diġitali sabiex titrawwem l-innovazzjoni fis-sistema finanzjarja***. ***F'dak il-kuntest, fi Frar u f'Marzu 2022 kemm il-Parlament Ewropew[21] kif ukoll il-Kunsill ECOFIN[22] laqgħu d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li jniedi fażi ta' investigazzjoni fuq sentejn ta' proġett tal-euro diġitali, li beda f'Ottubru 2021.***	(1) Il-Kummissjoni enfasizzat fl-Istrateġiji għall-Finanzi Diġitali u dwar il-Pagamenti bl-Imnut[20] ta' Settembru 2020 li euro diġitali, bħala munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, ikun jaġixxi bħala katalizzatur għall-innovazzjoni fil-pagamenti, fil-finanzjament u fil-kummerċ fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut. ***Minn dak iż-żmien 'l hawn, is-suq diġà għamel passi sinifikanti 'l quddiem li jnaqqas il-ħtieġa ta' intervent tal-gvern f'xenarju tas-suq tal-pagamenti li qed jevolvi malajr***.
[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE (COM/2020/591 final)	[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE (COM/2020/591 final)
[21] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 20212021/2063(INI)	
[22] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6301-2022-INIT/mt/pdf	

Emenda 290
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Kummissjoni enfasizzat fl-Istrateġiji għall-Finanzi Diġitali u dwar il-Pagamenti bl-Imnut[20] ta' Settembru 2020 li euro diġitali, bħala munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, ikun jaġixxi bħala katalizzatur għall-innovazzjoni fil-pagamenti, fil-finanzjament u fil-kummerċ fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut. Il-Eurosummit ta' Marzu 2021 talab settur finanzjarju diġitali aktar b'saħħtu u aktar innovattiv u sistemi ta' pagament aktar effiċjenti u reżiljenti. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar, il-Grupp tal-Euro rrikonoxxa wkoll il-potenzjal ta' euro diġitali sabiex titrawwem l-innovazzjoni fis-sistema finanzjarja. F'dak il-kuntest, fi Frar u f'Marzu 2022 kemm il-Parlament Ewropew[21] kif ukoll il-Kunsill ECOFIN[22] laqgħu d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li jniedi fażi ta' investigazzjoni fuq sentejn ta' proġett tal-euro diġitali, li beda f'Ottubru 2021.	(1) Il-Kummissjoni enfasizzat fl-Istrateġiji għall-Finanzi Diġitali u dwar il-Pagamenti bl-Imnut[20] ta' Settembru 2020 li euro diġitali, bħala munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, ***disponibbli kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji,*** ikun jaġixxi bħala katalizzatur għall-innovazzjoni fil-pagamenti, fil-finanzjament u fil-kummerċ fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut. Il-Eurosummit ta' Marzu 2021 talab settur finanzjarju diġitali aktar b'saħħtu u aktar innovattiv u sistemi ta' pagament aktar effiċjenti u reżiljenti. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar, il-Grupp tal-Euro rrikonoxxa wkoll il-potenzjal ta' euro diġitali sabiex titrawwem l-innovazzjoni fis-sistema finanzjarja. F'dak il-kuntest, fi Frar u f'Marzu 2022 kemm il-Parlament Ewropew[21] kif ukoll il-Kunsill ECOFIN[22] laqgħu d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li jniedi fażi ta' investigazzjoni fuq sentejn ta' proġett tal-euro diġitali, li beda f'Ottubru 2021.
[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE (COM/2020/591 final)	[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE (COM/2020/591 final)
[21] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 20212021/2063(INI)	[21] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 20212021/2063(INI)

22 https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6301-2022-INIT/mt/pdf

22 https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6301-2022-INIT/mt/pdf

Or. en

Emenda 291
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-Kummissjoni enfasizzat fl-Istrateġiji għall-Finanzi Diġitali u dwar il-Pagamenti bl-Imnut[20] ta' Settembru 2020 li euro diġitali, bħala munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, ikun jaġixxi bħala katalizzatur għall-innovazzjoni fil-pagamenti, fil-finanzjament u fil-kummerċ fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut. Il-Eurosummit ta' Marzu 2021 talab settur finanzjarju diġitali aktar b'saħħtu u aktar innovattiv u sistemi ta' pagament aktar effiċjenti u reżiljenti. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar, il-Grupp tal-Euro rrikonoxxa wkoll il-potenzjal ta' euro diġitali sabiex titrawwem l-innovazzjoni fis-sistema finanzjarja. F'dak il-kuntest, fi Frar u f'Marzu 2022 kemm il-Parlament Ewropew[21] kif ukoll il-Kunsill ECOFIN[22] laqgħu d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li jniedi fażi ta' investigazzjoni fuq sentejn ta' proġett tal-euro diġitali, li beda f'Ottubru 2021.	(1) Il-Kummissjoni enfasizzat fl-Istrateġiji għall-Finanzi Diġitali u dwar il-Pagamenti bl-Imnut[20] ta' Settembru 2020 li euro diġitali, bħala munita diġitali tal-bank ċentrali bl-imnut, ikun jaġixxi bħala katalizzatur għall-innovazzjoni fil-pagamenti, fil-finanzjament u fil-kummerċ fil-kuntest tal-isforzi kontinwi sabiex titnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq tal-Unjoni tal-pagamenti bl-imnut. Il-Eurosummit ta' Marzu 2021 talab settur finanzjarju diġitali aktar b'saħħtu u aktar innovattiv u sistemi ta' pagament aktar effiċjenti u reżiljenti. Fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar, il-Grupp tal-Euro rrikonoxxa wkoll il-potenzjal ta' euro diġitali sabiex titrawwem l-innovazzjoni fis-sistema finanzjarja. F'dak il-kuntest, fi Frar u f'Marzu 2022 kemm il-Parlament Ewropew[21] kif ukoll il-Kunsill ECOFIN[22] laqgħu d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew li jniedi fażi ta' investigazzjoni fuq sentejn ta' proġett tal-euro diġitali, li beda f'Ottubru 2021. ***Il-Eurosummit ta' Ottubru 2025 enfasizza wkoll li, f'ambjent li qed isir dejjem aktar diġitali, l-euro diġitali jirrappreżenta opportunità strateġika biex jissaħħaħ xenarju tal-pagamenti Ewropej robust, tissaħħaħ is-sigurtà ekonomika u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa u jiġi appoġġat ir-***

rwol internazzjonali tal-euro.

[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE (COM/2020/591 final)

[21] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 20212021/2063(INI)

[22] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6301-2022-INIT/mt/pdf

[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE (COM/2020/591 final)

[21] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 dwar il-Bank Ċentrali Ewropew – rapport annwali 20212021/2063(INI)

[22] https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6301-2022-INIT/mt/pdf

Or. en

Emenda 292
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-Artikolu 128 tat-TFUE jistipula li l-karti tal-flus maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali għandhom ikunu l-uniċi tali karti tal-flus li jkollhom l-istatus ta' valuta legali fl-Unjoni li japplika mutatis mutandis għall-istabbiliment tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 293
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) L-Artikolu 3(1), il-punt (c), tat-TFUE jistipula li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fuq il-politika monetarja għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Or. en

Emenda 294
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) L-Artikolu 63 tat-TFUE jistabbilixxi l-projbizzjoni fundamentali fuq ir-restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta' kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 295
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) L-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[1a] jistabbilixxi fil-liġi l-libertà ta' intrapriża.
	[1a] ĠU C 326, 26.10.2012, pp. 391–407, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/char_2012

/oj

Or. en

Emenda 296
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) L-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi fil-liġi d-dritt għall-proprjetà.

Or. en

Emenda 297
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) L-Artikolu 56 tat-TFUE jipprojbixxi kontra r-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Or. en

Emenda 298
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Bank Ċentrali Ewropew ippubblika r-"Report on a digital euro" tiegħu[23]. Ir-rapport ifforma l-bażi għat-tiftix ta' fehmiet dwar il-benefiċċji u l-isfidi tal-ħruġ ta' euro diġitali u dwar it-tfassil possibbli tiegħu.	***imħassar***
[23] Il-Bank Ċentrali Ewropew, Report on a digital euro, Ottubru 2020.	

Or. en

Emenda 299
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-indipendenza teknoloġika hija bbażata fuq l-abbiltà tal-UE li tnaqqas id-dipendenza fuq forniturі tat-teknoloġija mhux tal-UE, b'mod partikolari fil-cloud computing, is-semikondutturi, l-intelliġenza artifiċjali (IA) u t-teknoloġiji kritiċi.

Or. en

Emenda 300
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Is-sovranità tad-data hija bbażata fuq il-kapaċità tal-UE li taġixxi b'mod

indipendenti fid-dinja diġitali permezz taż-żewġ mekkaniżmi protettivi u li trawwem l-innovazzjoni diġitali, inkluż f'kooperazzjoni ma' kumpaniji mhux tal-UE.

Or. en

Emenda 301
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 2c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) L-awtonomija regolatorja hija bbażata fuq il-portata ekstraterritorjali tar-regolamenti tal-UE u tapplika mhux biss għal kumpaniji bbażati fl-UE iżda wkoll għal forniturі ta' servizzi barranin li jimmiraw jew jipproċessaw data taċ-ċittadini tal-UE, li jitlob konformità madwar id-dinja kollha.

Or. en

Emenda 302
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 2d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(2d) Is-sigurtà ekonomika hija bbażata fuq il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u l-iskrinjar tal-investimenti barranin biex jiġu pprevenuti l-ħrib jew il-kaptività tat-teknoloġiija. Ir-Regolament attwali jrid jaderixxi mal-prinċipju li l-valuri Ewropej bħall-privatezza, id-drittijiet fundamentali u r-responsabbiltà**

demokratika jridu jiġu rrispettati fid-dinja diġitali.

Or. en

Emenda 303
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 2e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2e) Il-qafas regolatorju tal-UE jaserixxi li f'każijiet magħżula, għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni, l-azzjonijiet jistgħu jiġu llimitati għal kooperazzjoni bejn l-entitajiet legali stabbiliti fl-Istati Membri biss, l-Istati Membri u ċerti pajjiżi assoċjati u/jew ċerti pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 304
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 2f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2f) Il-valuta legali hija ddefinita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Marzu 2010 dwar il-firxa u l-effetti tal-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (2010/191/UE)[1a] bħala li timplika - (a) aċċettazzjoni obbligatorja, (b) b'valur nominali sħiħ, (c) bis-setgħa li wieħed jinħeles mill-obbligi tal-ħlas. Il-valuta legali hija l-mezz ta' ħlas awtomatiku u hija l-uniku mezz ta' saldu

ta' dejn aħħari u finali. Il-valuta legali teħtieġ serħan mid-dejn b'valur nominali sħiħ u ma trid tiġi żvalutata u mnaqqsa bl-ebda mod.

[1a] ĠU L 83, 30.3.2010, pp. 70–71, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2010/191/oj

Or. en

Emenda 305
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 2g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2g) Il-valuta legali hija l-mezz ta' ħlas awtomatiku u hija l-uniku mezz ta' saldu ta' dejn aħħari u finali. Il-valuta legali teħtieġ serħan mid-dejn b'valur nominali sħiħ u ma trid tiġi żvalutata u mnaqqsa bl-ebda mod.

Or. en

Emenda 306
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 2h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2h) Reġistru ċentrali huwa bażi tad-data unika u awtorevoli li tinżamm minn entità ċentrali, bħal bank, aġenzija tal-gvern jew istituzzjoni finanzjarja. Dan jirreġistra t-tranżazzjonijiet kollha fis-sistema u jiżgura li l-bilanċi u t-trasferimenti jkunu preċiżi u konsistenti.

Or. en

Emenda 307
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 2i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2i) L-att tal-ħruġ ta' valuta legali jfisser entrata ekwivalenti fuq in-naħa tal-passiv tal-karta bilanċjali tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-ħolqien konkorrenti ta' entrata ekwivalenti fir-reġistru tal-Bank Ċentrali. Il-bażi monetarja hija l-aktar forma ta' flus stabbli, li tintuża bħala parametru referenzjarju għall-valur ta' tipi oħra ta' flus.

Or. en

Emenda 308
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 2j (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2j) L-aspetti ewlenin tal-att tal-ħruġ ta' valuta legali huma l-kontroll tal-kwantità ta' flus u r-rispett ta' kwalunkwe obbligazzjoni li tippermetti r-rikonċiljazzjoni tad-dejn u s-saldu finali. Kwalunkwe sistema monetarja sovrana trid tissodisfa mill-inqas dawn il-kundizzjonijiet biex tiġi interpretata bħala tali. Is-sovranità monetarja tiddetta li l-kwantità ta' valuta legali u l-obbligu li jinżamm reġistru aġġornat ta' dik il-kwantità huwa fil-kontroll dirett tal-emittent. Dan irid jiġi rifless fil-qalba

funzjonali tas-sistema ta' pagament li hija kundizzjoni meħtieġa tas-sovranità. Il-kontroll operazzjonali huwa kundizzjoni meħtieġa tal-awtonomija strateġika. Il-funzjonament mingħajr interruzzjoni tas-servizzi ta' pagament huwa rekwiżit kritiku tar-reżiljenza Ewropea. Qafas koeżiv u effettiv ta' reazzjoni għal emerġenza u maniġġar ta' kriżijiet huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' kontroll dirett, flessibbiltà operazzjonali u rkupru rapidu mill-falliment. Dawn il-kunsiderazzjonijiet iridu jiggwidaw it-tfassil sistemiku tal-infrastruttura.

Or. en

Emenda 309
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 2k (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2k) Il-flus privati jew il-flus kummerċjali jiddeskrivu l-porzjon ta' munita li hija magħmula mid-dejn iġġenerat mill-banek kummerċjali. Meta bank joħloq bilanċi tal-kont jew isellef il-flus, dawk il-flus jiġu ġġenerati bħala flus skritturali jiġifieri pretensjonijiet tad-dejn kontra l-bank mid-detenturi tal-kont u pretensjonijiet tad-dejn mill-bank kontra l-mutwatarji. Il-valur tal-flus privati jew kummerċjali huwa ankrat mill-konvertibbiltà tiegħu f'bażi monetarja. Il-fiduċja tad-depożitanti fil-banek kummerċjali tiddependi fuq l-assigurazzjoni li jistgħu jikkonvertu d-depożiti tagħhom f'valuta legali fuq talba, filwaqt li jżommu l-valur u l-istabbiltà tal-munita u jservu bħala pedament għall-politika monetarja.

Or. en

Emenda 310
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-bażi monetarja fil-forma ta' karti tal-flus u ta' muniti ma tistax tintuża għall-pagamenti online. Illum il-ġurnata, il-pagamenti online jiddependu kompletament fuq il-flus ta' bank kummerċjali. L-aċċettazzjoni u l-funġibbiltà tal-flus ta' bank kummerċjali jiddependu fuq il-konverbbiltà tagħhom fuq bażi ta' wieħed ma' wieħed għall-flus ta' bank ċentrali b'valuta legali, li sservi bħala ankra monetarja. Dik l-ankra monetarja hija fil-qalba tal-funzjonament tas-sistemi monetarji u finanzjarji. Tirfed il-fiduċja tal-utenti fil-flus ta' bank kummerċjali u fl-euro bħala munita u, għalhekk, hija essenzjali sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema monetarja f'ekonomija u f'soċjetà diġitalizzati. Billi l-bażi monetarja f'forma fiżika waħedha ma tistax tindirizza l-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, dan jista' gradwalment jisposta l-ankra monetarja għall-flus tal-banek kummerċjali. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi introdotta forma ġdida ta' munita uffiċjali b'valuta legali li tkun mingħajr riskju u tgħin sabiex tiġi vviżwalizzata l-konverġenza b'parità tal-flus maħruġin minn diversi banek kummerċjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 311
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-bażi monetarja fil-forma ta' karti tal-flus u ta' muniti ma tistax tintuża għall-pagamenti online. Illum il-ġurnata, il-pagamenti online jiddependu kompletament fuq il-flus ta' bank kummerċjali. L-aċċettazzjoni u l-funġibbiltà tal-flus ta' bank kummerċjali jiddependu fuq il-konverbbiltà tagħhom fuq bażi ta' wieħed ma' wieħed għall-flus ta' bank ċentrali b'valuta legali, li sservi bħala ankra monetarja. Dik l-ankra monetarja hija fil-qalba tal-funzjonament tas-sistemi monetarji u finanzjarji. Tirfed il-fiduċja tal-utenti fil-flus ta' bank kummerċjali u fl-euro bħala munita u, għalhekk, hija essenzjali sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema monetarja f'ekonomija u f'soċjetà diġitalizzati. Billi l-bażi monetarja f'forma fiżika waħedha ma tistax tindirizza l-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, dan jista' gradwalment jisposta l-ankra monetarja għall-flus tal-banek kummerċjali. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi introdotta forma ġdida ta' munita uffiċjali b'valuta legali li tkun mingħajr riskju u tgħin sabiex tiġi vviżwalizzata l-konverġenza b'parità tal-flus maħruġin minn diversi banek kummerċjali.	(3) ***Filwaqt li l-pagamenti online (bħal pagamenti tal-kummerċ elettroniku iżda wkoll il-pagamenti diġitali fil-ħwienet) qed isiru aktar u aktar importanti fil-ħajja ta' kuljum tal-Ewropej,*** il-bażi monetarja fil-forma ta' karti tal-flus u ta' muniti ma tistax tintuża għall-pagamenti online***, b'hekk tillimita l-libertà tal-persuni li jagħżlu l-bażi monetarja għall-finijiet ta' kuljum***. ***B'riżultat,*** illum il-ġurnata, il-pagamenti online jiddependu kompletament fuq il-flus ta' bank kummerċjali ***minħabba l-fatt li l-bażi monetarja ma evolvietx fil-forma diġitali tagħha***. L-aċċettazzjoni u l-funġibbiltà tal-flus ta' bank kummerċjali jiddependu fuq il-konverbbiltà tagħhom fuq bażi ta' wieħed ma' wieħed għall-flus ta' bank ċentrali b'valuta legali, li sservi bħala ankra monetarja. Dik l-ankra monetarja hija fil-qalba tal-funzjonament tas-sistemi monetarji u finanzjarji. Tirfed il-fiduċja tal-utenti fil-flus ta' bank kummerċjali u fl-euro bħala munita u, għalhekk, hija essenzjali sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema monetarja f'ekonomija u f'soċjetà diġitalizzati. Billi l-bażi monetarja f'forma fiżika waħedha ma tistax tindirizza l-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, dan jista' gradwalment jisposta l-ankra monetarja għall-flus tal-banek kummerċjali. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi introdotta forma ġdida ta' munita uffiċjali b'valuta legali li tkun mingħajr riskju u tgħin sabiex tiġi vviżwalizzata l-konverġenza b'parità tal-flus maħruġin minn diversi banek kummerċjali. ***Euro diġitali, li jaħdem kemm online kif ukoll offline, se jintroduċi s-sempliċità u l-konvenjenza tal-flus kontanti fil-ħajja diġitali tal-Ewropej u jipproteġi l-libertà tal-persuni li jagħżlu kif iridu jħallsu u jitħallsu, inkluż b'bażi monetarja.***

Emenda 312
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-bażi monetarja fil-forma ta' karti tal-flus u ta' muniti ma tistax tintuża għall-pagamenti online. Illum il-ġurnata, il-pagamenti online jiddependu kompletament fuq il-flus ta' bank kummerċjali. L-aċċettazzjoni u l-funġibbiltà tal-flus ta' bank kummerċjali jiddependu fuq il-konverbbiltà tagħhom fuq bażi ta' wieħed ma' wieħed għall-flus ta' bank ċentrali b'valuta legali, li sservi bħala ankra monetarja. Dik l-ankra monetarja hija fil-qalba tal-funzjonament tas-sistemi monetarji u finanzjarji. Tirfed il-fiduċja tal-utenti fil-flus ta' bank kummerċjali u fl-euro bħala munita u, għalhekk, hija essenzjali sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema monetarja f'ekonomija u f'soċjetà diġitalizzati. Billi l-bażi monetarja f'forma fiżika waħedha ma tistax tindirizza l-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, dan jista' gradwalment jisposta l-ankra monetarja għall-flus tal-banek kummerċjali. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi introdotta forma ġdida ta' munita uffiċjali b'valuta legali li tkun mingħajr riskju u tgħin sabiex tiġi vviżwalizzata l-konverġenza b'parità tal-flus maħruġin minn diversi banek kummerċjali.	(3) ***Billi l-pagamenti online (inkluż il-kummerċ elettroniku kif ukoll il-pagamenti fil-punt tal-bejgħ diġitali) għandhom rwol dejjem aktar sinifikanti fil-ħajja ta' kuljum tal-Ewropej,*** il-bażi monetarja fil-forma ta' karti tal-flus u ta' muniti ma tistax tintuża għall-pagamenti online***, li tirrestrinġi l-kapaċità tal-persuni li jużaw il-bażi monetarja għal tranżazzjonijiet ta' kuljum***. ***Konsegwentement,*** illum il-ġurnata, il-pagamenti online jiddependu kompletament fuq il-flus ta' bank kummerċjali ***minħabba li l-bażi monetarja għadha ma saritx disponibbli f'forma diġitali***. L-aċċettazzjoni u l-funġibbiltà tal-flus ta' bank kummerċjali jiddependu fuq il-konverbbiltà tagħhom fuq bażi ta' wieħed ma' wieħed għall-flus ta' bank ċentrali b'valuta legali, li sservi bħala ankra monetarja. Dik l-ankra monetarja hija fil-qalba tal-funzjonament tas-sistemi monetarji u finanzjarji. Tirfed il-fiduċja tal-utenti fil-flus ta' bank kummerċjali u fl-euro bħala munita u, għalhekk, hija essenzjali sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema monetarja f'ekonomija u f'soċjetà diġitalizzati. Billi l-bażi monetarja f'forma fiżika waħedha ma tistax tindirizza l-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, dan jista' gradwalment jisposta l-ankra monetarja għall-flus tal-banek kummerċjali. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi introdotta forma ġdida ta' munita uffiċjali

b'valuta legali li tkun mingħajr riskju u tgħin sabiex tiġi vviżwalizzata l-konverġenza b'parità tal-flus maħruġin minn diversi banek kummerċjali. ***Euro diġitali jipprovdi l-konvenjenza assoċjata mal-flus kontanti f'ambjent diġitali u jirrispetta l-libertà tal-individwi li jiddeċiedu kif jixtiequ jħallsu u jitħallsu, inkluż permezz ta' bażi monetarja.***

Or. en

Emenda 313
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Il-bażi monetarja fil-forma ta' karti tal-flus u ta' muniti ma tistax tintuża għall-pagamenti online. Illum il-ġurnata, il-pagamenti online jiddependu kompletament fuq il-flus ta' bank kummerċjali. L-aċċettazzjoni u l-funġibbiltà tal-flus ta' bank kummerċjali jiddependu fuq il-konverbbiltà tagħhom fuq bażi ta' wieħed ma' wieħed għall-flus ta' bank ċentrali b'valuta legali, li sservi bħala ankra monetarja. Dik l-ankra monetarja hija fil-qalba tal-funzjonament tas-sistemi monetarji u finanzjarji. Tirfed il-fiduċja tal-utenti fil-flus ta' bank kummerċjali u fl-euro bħala munita u, għalhekk, hija essenzjali sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema monetarja f'ekonomija u f'soċjetà diġitalizzati. Billi l-bażi monetarja f'forma fiżika waħedha ma tistax tindirizza l-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, dan jista' gradwalment jisposta l-ankra monetarja għall-flus tal-banek kummerċjali. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi introdotta forma ġdida ta' munita uffiċjali b'valuta legali li tkun mingħajr riskju u	(3) Il-bażi monetarja fil-forma ta' karti tal-flus u ta' muniti ma tistax tintuża għall-pagamenti online. Illum il-ġurnata, il-pagamenti online jiddependu kompletament fuq il-flus ta' bank kummerċjali. L-aċċettazzjoni u l-funġibbiltà tal-flus ta' bank kummerċjali jiddependu fuq il-konverbbiltà tagħhom fuq bażi ta' wieħed ma' wieħed għall-flus ta' bank ċentrali b'valuta legali, li sservi bħala ankra monetarja. Dik l-ankra monetarja hija fil-qalba tal-funzjonament tas-sistemi monetarji u finanzjarji. Tirfed il-fiduċja tal-utenti fil-flus ta' bank kummerċjali u fl-euro bħala munita u, għalhekk, hija essenzjali sabiex tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema monetarja f'ekonomija u f'soċjetà diġitalizzati. Billi l-bażi monetarja f'forma fiżika waħedha ma tistax tindirizza l-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, dan jista' gradwalment jisposta l-ankra monetarja għall-flus tal-banek kummerċjali. Għalhekk, huwa neċessarju li tiġi introdotta forma ġdida ta' munita uffiċjali b'valuta legali li tkun mingħajr riskju u

tgħin sabiex tiġi vviżwalizzata l-konverġenza b'parità tal-flus maħruġin minn diversi banek kummerċjali.	tgħin sabiex tiġi vviżwalizzata l-konverġenza b'parità tal-flus maħruġin minn diversi banek kummerċjali. ***Huwa vitali li l-Bank Ċentrali Ewropew jibqa' l-organizzazzjoni proattiva ewlenija għall-iżvilupp tal-proġett tal-euro diġitali, sabiex jikseb u jżomm il-fiduċja tal-konsumaturi Ewropej u adozzjoni mifruxa tal-euro diġitali.***

Or. en

Emenda 314
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Antonio López-Istúriz White, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-objettiv tal-Unjoni li tnaqqas id-dipendenza fuq fornituri ta' servizzi ta' pagament mhux Ewropej jista' jintlaħaq jew permezz ta' euro diġitali online jew permezz ta' skemi ta' pagament bl-imnut privati Ewropej kompetittivi li joperaw fuq skala taż-żona tal-euro. Il-qafas leġiżlattiv jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-inċentivi u jipprovdi ambjent favorevoli għal inizjattivi ta' sħubija pubblika-privata li għaddejjin biex jitwettqu l-istadji importanti tal-investiment finali meħtieġa biex tinkiseb skala pan-Ewropea u awtonomija strateġika, mingħajr ma tiġi prekluża l-ħidma kontinwa fuq l-euro diġitali bħala għażla ta' riżerva, peress li l-maġġoranza tal-investimenti tal-użu fi kwalunkwe każ jiġġarrbu mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament u n-negozjanti meta jingħaqdu mal-back end tal-BĊE. Is-sinjalar li se tiġi stabbilita soluzzjoni bbażata fuq reġistru tal-BĊE irrispettivament mill-iżviluppi tas-suq jirriskja li jdgħajjef l-inċentivi tal-investiment privat lejn soluzzjoni dinamika u innovattiva mmexxija mis-suq

u jimmina l-ħolqien ta' skemi ta' pagament Ewropej interoperabbli sovrani li jisfruttaw l-iżviluppi reċenti tal-PSD/PSR.

Or. en

Emenda 315
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Is-sistemi ta' pagament Ewropej huma frammentati ħafna u għandhom bżonn kbir ta' standardizzazzjoni bl-iskop li jiġu ffaċilitati t-tranżazzjonijiet, jiġi appoġġat it-tkabbir ekonomiku u jkun possibbli l-moviment liberu tal-kapital, tal-persuni u tal-merkanzija fis-suq komuni. It-tfixkil teknoloġiku qed jirriżulta f'xejra ta' konċentrazzjoni tas-suq f'bosta setturi u f'bosta swieq. Dan irriżulta f'livelli ġodda ta' kompetizzjoni tal-pjattaforma ffaċilitati mill-iskala u l-effetti tan-networks li jistgħu jimminaw il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni u xi drabi saħansitra jnaqqsu l-intermedjazzjoni tas-settur pubbliku. Il-konċentrazzjoni tas-suq u l-iperskalar joħolqu theddid serju għall-kompetizzjoni u l-effiċjenza tas-suq fis-settur tal-pagamenti. Il-parteċipanti ġodda li jisfruttaw it-teknoloġija online u l-infrastruttura ta' pagamenti tradizzjonali, li joħolqu riskju ta' problema ta' approfittar fir-rigward tas-settur finanzjarju tradizzjonali li huwa mgħobbi bi struttura tal-kostijiet offline sinifikanti biex jappoġġa r-rwol soċjali tiegħu u qafas regolatorju li jirriżulta f'kostijiet addizzjonali għall-konformità.

Or. en

Emenda 316
Luděk Niedermayer, Martine Kemp

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-pagamenti online mhux biss jibbażaw fuq il-flus ta' bank kummerċjali iżda wkoll fuq infrastrutturi teknoloġiċi li, fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, jiġu pprovduti jew ikkontrollati minn għadd limitat ta' operaturi tas-suq ewlenin. Is-saħħa sinifikanti fis-suq ta' dawk l-operaturi tippermettilhom jinfluwenza l-kundizzjonijiet tal-ipprezzar u tillimita l-ambitu għall-ħolqien ta' soluzzjonijiet tas-settur privat alternattivi b'kost komparabbli, u b'hekk twassal għal għal ċerti riskji strutturali. F'dan il-kuntest, l-euro diġitali, bħala effett sekondarju, jipprovdi alternattiva għal ċerti każijiet ta' użu ta' pagament online, joffri lil-utenti l-possibbiltà li jibbażaw fuq arranġamenti teknoloġiċi differenti fejn jagħżlu hekk, jeżerċita pressjoni kompetittiva li tnaqqas ir-riskju li s-saħħa fis-suq tissarraf fi prezzijiet ogħla, u jikkontribwixxi biex jitnaqqsu r-riskji tas-sigurtà relatati.

Or. en

Emenda 317
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fl-istess waqt, biex tiġi evitata konċentrazzjoni eċċessiva ta' data u żbilanċi fis-setgħa tan-negozjar fis-swieq

diġitali, huwa importanti li jiġu eskluż mid-distribuzzjoni tal-euro diġitali u s-servizzi ta' aċċettazzjoni dawk il-kumpaniji dežinjati bħala gwardjani skont ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], li jgawdu minn pożizzjoni stabbilita sew u durabbli, fl-operazzjonijiet tiegħu, inkella huwa previst li dawn se jgawdu minn tali pożizzjoni fil-futur qrib.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali), (ĠU L 265, 12.10.2022, pp. 1–66, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1925/oj).

Or. en

Emenda 318
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fl-istess waqt, biex tiġi evitata konċentrazzjoni eċċessiva ta' data u żbilanċi fis-setgħa tan-negozjar fis-swieq diġitali, huwa importanti li jiġu eskluż mid-distribuzzjoni tal-euro diġitali u s-servizzi ta' aċċettazzjoni dawk il-kumpaniji dežinjati bħala gwardjani skont ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], li jgawdu minn pożizzjoni stabbilita sew u durabbli, fl-operazzjonijiet tiegħu, inkella huwa previst li dawn se jgawdu minn tali pożizzjoni fil-futur qrib.

[1a] Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali), (ĠU L 265, 12.10.2022, pp. 1–66, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1925/oj).

Or. en

Emenda 319
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Il-kundizzjonalità marbuta mal-istabbiliment possibbli tal-euro diġitali online mhux biss hija essenzjali għall-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-kompetizzjoni, iżda wkoll biex tiżgura inċentivi kredibbli għall-atturi Ewropej privati biex ilestu proġetti li għaddejjin, jiksbu l-interoperabbiltà u jespandu għal kopertura fiż-żona tal-euro. Perċezzjoni li l-euro diġitali online se jinħareġ irrispettivament mir-riżultat ta' tali test tas-suq iddgħajjef dawk l-inċentivi u tirriskja li jkun hemm dipendenza stabbilita sew fuq il-forniturі ta' servizzi mhux Ewropej.

Or. en

Emenda 320
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Iż-żona tal-euro tinkludi Stati Membri b'sistemi ekonomiċi varji ħafna b'differenzi kbar f'termini ta' daqs, struttura tal-kumpanija, politika tat-tassazzjoni u l-profondità tas-swieq kapitali. Il-kriżi finanzjarja wriet l-interdipendenza tal-ekonomiji bbażati fuq is-suq tal-Unjoni Ewropea u l-ħtieġa ta' aktar integrazzjoni u koordinazzjoni sabiex jitlesta s-suq intern, li jirriżulta fil-funzjonament aħjar tal-ekonomiji tal-Istati Membri u f'żieda fir-reżiljenza u l-prosperità għaċ-ċittadini Ewropej.

Or. en

Emenda 321
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3c) L-euro diġitali offline, li jopera mingħajr dipendenza fuq kwalunkwe infrastruttura tal-pagamenti tar-reġistru tal-BĊE u jippermetti s-saldu bejn il-pari permezz ta' strumenti bbażati fuq tokens siguri, jirrappreżenta kontinwazzjoni diġitali tal-flus kontanti u ma jibdilx l-istruttura tas-suq tal-pagamenti bl-imnut. B'kuntrast, l-euro diġitali online jirrikjedi l-ħolqien ta' reġistru tal-BĊE għat-tranżazzjonijiet tal-bejgħ bl-imnut li jobbliga liċ-ċittadini jiftħu kontijiet tal-bejgħ bl-imnut mal-BĊE, u b'hekk tiġi introdotta kompetizzjoni mhux ġusta mal-kontijiet tad-depożitu tal-bank, li jsawwar mill-ġdid id-dinamika kompetittiva tas-

suq. Għalhekk huwa xieraq li tali intervent jibqa' strettament kundizzjonali fuq in-nuqqas muri ta' soluzzjoni ta' pagament pan-Ewropea vijabbli li kapaċi tiżgura s-sovranità ta' pagament, ir-reżiljenza u influwenza taż-żona tal-euro sħiħa.

Or. en

Emenda 322
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Premessa 3d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3d) Kwalunkwe deċiżjoni li tiġi introdotta infrastruttura ta' pagamenti tar-reġistru tal-BĊE għat-tranżazzjonijiet tal-bejgħ bl-imnut online tikkostitwixxi intervent konsiderevoli fl-ekosistema tal-pagamenti tal-Unjoni. Tali infrastruttura jenħtieġ li tiġi prevista biss meta l-fallimenti persistenti tas-suq ma jistgħux jiġu indirizzati b'mezzi oħra. Eċċezzjoni mingħajr kundizzjonijiet li se titnieda soluzzjoni bbażata fuq il-kontijiet tal-bejgħ bl-imnut tal-BĊE irrispettivament mill-iżviluppi tas-suq tista' tiskoraġġixxi lill-atturi privati milli jtemmu l-użu ta' skemi pan-Ewropej emerġenti u timmina l-objettiv tal-Unjoni li trawwem suq tal-pagamenti kompetittiv, innovattiv u sovran. Għalhekk, il-qafas leġiżlattiv jenħtieġ li jippreżerva approċċ kredibbli "is-suq l-ewwel", li jippermetti soluzzjonijiet Ewropej privati għall-ispazju, l-inċentivi u l-kundizzjonijiet biex jinkisbu interoperabbiltà sħiħa u kopertura fiż-żona tal-euro.

Or. en

Emenda 323
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***Sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, jenħtieġ li l-euro*** diġitali ***jappoġġa varjetà ta' każijiet ta' użu ta' pagamenti bl-imnut. Dawk il-każijiet ta' użu jinkludu pagamenti minn persuna għal persuna, minn persuna għal negozju, minn persuna għal gvern, minn negozju għal persuna, minn negozju għal negozju, minn negozju għal gvern, minn gvern għal persuna, minn gvern għal negozju, u minn gvern għal gvern. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun jista' jissodisfa wkoll il-ħtiġijiet futuri ta' pagamenti, u b'mod partikolari l-pagament bejn magna u oħra fil-kuntest ta' Industry 4.0 u l-pagamenti fl-internet deċentralizzat (web3). Jenħtieġ li l-euro diġitali ma jipprovdix għal pagamenti bejn intermedjarji finanzjarji, fornituri ta' servizzi ta' pagament u parteċipanti oħrajn fis-suq (jiġifieri pagamenti bl-ingrossa), li għalihom jeżistu sistemi ta' saldu f'bażi monetarja u li fihom l-użu ta' teknoloġiji differenti qiegħed jiġi investigat aktar mill-Eurosistema***.	(4) ***Huwa prematur li jittieħed impenn għall-introduzzjoni ta' euro*** diġitali ***bl-imnut u online f'dan l-istadju, minħabba li proġetti li għaddejjin bħal inizjattivi ta' pagament pan-Ewropej reċenti u emerġenti għandhom bżonn iż-żmien biex jimmaturaw qabel titwettaq CBDC tal-bejgħ bl-imnut fuq skala sħiħa***.

Or. en

Emenda 324
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa,	(4) ***(4)*** Sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza

jenħtieġ li l-euro diġitali jappoġġa varjetà ta' każijiet ta' użu ta' pagamenti bl-imnut. ***Dawk il-każijiet ta' użu jinkludu pagamenti minn persuna għal persuna, minn persuna għal negozju, minn persuna għal gvern, minn negozju għal persuna, minn negozju għal negozju, minn negozju għal gvern, minn gvern għal persuna, minn gvern għal negozju, u minn gvern għal gvern***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun jista' jissodisfa wkoll il-ħtiġijiet futuri ta' pagamenti, u b'mod partikolari l-pagament bejn magna u oħra fil-kuntest ta' Industry 4.0 u l-pagamenti fl-internet deċentralizzat (web3). Jenħtieġ li l-euro diġitali ma jipprovdix għal pagamenti bejn intermedjarji finanzjarji, fornituri ta' servizzi ta' pagament u parteċipanti oħrajn fis-suq (jiġifieri pagamenti bl-ingrossa), li għalihom jeżistu sistemi ta' saldu f'bażi monetarja u li fihom l-użu ta' teknoloġiji differenti qiegħed jiġi investigat aktar mill-Eurosistema.

b'ħeffa, jenħtieġ li l-euro diġitali jappoġġa varjetà ta' każijiet ta' użu ta' pagamenti bl-imnut. ***Dan se jiżgura wkoll li, fix-xenarju ġeopolitiku li qed jinbidel b'mod rapidu tal-lum il-ġurnata, l-euro diġitali jista' jsaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Ewropa u jagħti spinta lill-integrazzjoni fl-ekonomija diġitali, settur li se jiddefinixxi t-tkabbir ta' għada. Dan huwa saħansitra aktar rilevanti meta jitqies li llum, fi 17 mill-20 pajjiż tal-euro, il-pagamenti bil-kard ta' kuljum jibbażaw kompletament fuq fornituri mhux Ewropej u s-soluzzjonijiet tas-settur privat emerġenti la jkopru l-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro u lanqas il-każijiet ta' użu kollha tal-pagamenti bl-imnut***. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun jista' jissodisfa wkoll il-ħtiġijiet futuri ta' pagamenti, u b'mod partikolari l-pagament bejn magna u oħra fil-kuntest ta' Industry 4.0 u l-pagamenti fl-internet deċentralizzat (web3). Jenħtieġ li l-euro diġitali ma jipprovdix għal pagamenti bejn intermedjarji finanzjarji, fornituri ta' servizzi ta' pagament u parteċipanti oħrajn fis-suq (jiġifieri pagamenti bl-ingrossa), li għalihom jeżistu sistemi ta' saldu f'bażi monetarja u li fihom l-użu ta' teknoloġiji differenti qiegħed jiġi investigat aktar mill-Eurosistema.

Or. en

Emenda 325
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, jenħtieġ li l-euro diġitali jappoġġa varjetà	(4) Sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa, jenħtieġ li l-euro diġitali jappoġġa varjetà

(7) L-iżviluppi futuri fil-pagamenti diġitali jistgħu jaffettwaw ir-rwol tal-euro fis-swieq tal-pagamenti bl-imnut ***kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll internazzjonalment. Ħafna*** banek ċentrali madwar id-dinja ***bħalissa qegħdin jesploraw*** il-ħruġ ta' muniti diġitali tal-banek ċentrali ("CBDCs") u ***xi pajjiżi diġà ħarġu CBDC. Barra minn hekk, l-hekk imsejħa stablecoins ta' pajjiżi terzi mhux denominati f'euro, jistgħu, jekk jintużaw b'mod wiesa' għall-pagamenti, jispostaw il-pagamenti denominati f'euro fl-ekonomija tal-Unjoni billi jaqdu d-domanda għal pagamenti programmabbli (li jissejħu pagamenti kundizzjonali fil-kuntest ta' dan ir-Regolament), inkluż fil-kummerċ elettroniku, fis-swieq kapitali jew f'industry 4.0***.	(7) L-iżviluppi futuri fil-pagamenti diġitali jistgħu jaffettwaw ir-rwol tal-euro fis-swieq tal-pagamenti bl-imnut ***transfruntiera***. ***Diversi*** banek ċentrali madwar id-dinja ***esploraw*** il-ħruġ ta' muniti diġitali tal-banek ċentrali ("CBDCs") u ***l-maġġoranza vasta tal-ekonomija tas-suq waqfu r-riċerka u l-pjanijiet tagħhom biex jintroduċu s-CBDCs***.

Or. en

Emenda 349
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann, Dirk Gotink

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-iżviluppi futuri fil-pagamenti diġitali jistgħu jaffettwaw ir-rwol tal-euro fis-swieq tal-pagamenti bl-imnut kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll internazzjonalment. Ħafna banek ċentrali madwar id-dinja bħalissa qegħdin jesploraw il-ħruġ ta' muniti diġitali tal-banek ċentrali ("CBDCs") u xi pajjiżi diġà ħarġu CBDC. Barra minn hekk, l-hekk imsejħa stablecoins ta' pajjiżi terzi mhux denominati f'euro, jistgħu, jekk jintużaw b'mod wiesa' għall-pagamenti, jispostaw il-pagamenti denominati f'euro fl-ekonomija tal-Unjoni billi jaqdu d-domanda għal pagamenti programmabbli (li jissejħu pagamenti kundizzjonali fil-kuntest ta' dan ir-Regolament), inkluż fil-kummerċ elettroniku, fis-swieq kapitali jew f'industry 4.0.	(7) L-iżviluppi futuri fil-pagamenti diġitali jistgħu jaffettwaw ir-rwol tal-euro fis-swieq tal-pagamenti bl-imnut kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll internazzjonalment. Ħafna banek ċentrali madwar id-dinja bħalissa qegħdin jesploraw il-ħruġ ta' muniti diġitali tal-banek ċentrali ("CBDCs") u xi pajjiżi diġà ħarġu CBDC. Barra minn hekk, l-hekk imsejħa stablecoins ta' pajjiżi terzi mhux denominati f'euro, jistgħu, jekk jintużaw b'mod wiesa' għall-pagamenti, jispostaw il-pagamenti denominati f'euro fl-ekonomija tal-Unjoni billi jaqdu d-domanda għal pagamenti programmabbli (li jissejħu pagamenti kundizzjonali fil-kuntest ta' dan ir-Regolament), inkluż fil-kummerċ elettroniku, fis-swieq kapitali jew f'industry 4.0. ***Barra minn hekk, euro diġitali jipprovdi wkoll pjattaforma biex jibnu fuqha l-kumpaniji u l-banek Ewropej. Standards kondiviżi u infrastruttura komuni jippermettu li l-fornituri ta' pagament lokali jespandu bejn il-fruntieri b'inqas kostijiet u aktar malajr u jikkompetu wkoll ma' fornituri mhux Ewropej.***

Or. en

Emenda 350
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro.*** Bħala forma	(8) Bħala forma ġdida tal-euro ***għas-saldi bl-ingrossa,*** jenħtieġ li l-euro diġitali ***bl-ingrossa offline*** jkollu konsegwenzi ***finanzjarji*** importanti. ***Għalhekk, jista' jkun utli*** li ***tiġi stabbilita l-istruttura ta' saldu*** diġitali.

ġdida tal-euro ***disponibbli għall-pubbliku ġenerali,*** jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu konsegwenzi ***soċjali u ekonomiċi*** importanti. Għalhekk, ***huwa neċessarju*** li ***jiġi stabbilit l-euro*** diġitali ***u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju***. ***Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jiddeċiedi jekk joħroġx l-euro diġitali, f'liema żminijiet u f'liema ammonti, u miżuri partikolari oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti.***

Or. en

Emenda 351
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor, Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali, ***jenħtieġ li*** l-euro diġitali ***jkollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi importanti***. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex	(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali, l-euro diġitali ***jkun mezz ta' pagament Ewropew li jista' jintuża mingħajr ħlas għaċ-ċittadini, għall-pagamenti diġitali, fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Flimkien mal-flus kontanti, euro diġitali jippreżerva l-libertà taċ-ċittadini Ewropej li jużaw mezz pubbliku ta' pagament***.

joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jiddeċiedi jekk joħroġx l-euro diġitali, f'liema żminijiet u f'liema ammonti, u miżuri partikolari oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti.

Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju ***u li jiġu ppreżervati r-rwol u s-sehem tal-bażi monetarja fil-pagamenti***. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, ***u f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament,*** jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jiddeċiedi jekk joħroġx l-euro diġitali, f'liema żminijiet u f'liema ammonti, u miżuri partikolari oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti. ***Sabiex jiġi żgurat użu effettiv tal-euro, kemm il-modalità funzjonali online tiegħu kif ukoll dik offline huma neċessarji u essenzjali u għalhekk jenħtieġ li t-tnejn ikunu disponibbli mill-ewwel ħruġ tal-euro diġitali.***

Or. en

Emenda 352
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi	(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro***, sabiex il-BĊE jkun jista' jieħu deċiżjoni dwar il-ħruġ possibbli tiegħu***. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali,

importanti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jiddeċiedi jekk joħroġx l-euro diġitali, f'liema żminijiet u f'liema ammonti, u miżuri partikolari oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti.

jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi importanti***, b'benefiċċji pożittivi f'termini tal-libertà tal-persuni li jħallsu, aċċessibbiltà għal mezz ta' pagament diġitali***. ***Barra minn hekk, f'ekonomija globali dejjem aktar dominata minn sistemi ta' pagament mhux Ewropej u privati u muniti diġitali, l-introduzzjoni ta' euro diġitali hija essenzjali biex tiġi ssalvagwardjata s-sovranità monetarja tal-Unjoni u titnaqqas id-dipendenza fuq l-atturi esterni. L-euro diġitali jaġixxi bħala alternattiva pubblika għal soluzzjonijiet ta' pagament privati, filwaqt li jsaħħaħ l-istabbiltà tas-sistema ta' pagament Ewropea u jiżgura li ċ-ċittadini u n-negozji Ewropej jistgħu jibbenefikaw minn infrastruttura ta' pagament sigura, affidabbli u indipendenti.*** Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jiddeċiedi jekk joħroġx l-euro diġitali, f'liema żminijiet u f'liema ammonti, u miżuri partikolari ***u karatteristiċi tekniċi*** oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti. ***Il-qafas legali li jistabbilixxi l-euro diġitali jenħtieġ li jaderixxi mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, jiżgura li l-qafas legali jibqa' adattabbli għall-iżviluppi teknoloġiċi futuri u ma jippreskrivix soluzzjonijiet jew infrastrutturi tekniċi. Dan l-approċċ se jippermetti lill-euro diġitali jevolvi b'reazzjoni għall-avvanzi fit-teknoloġija u l-ħtiġijiet tas-soċjetà li qed jinbidlu.***

Emenda 353
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi importanti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jiddeċiedi jekk joħroġx l-euro diġitali, f'liema żminijiet u f'liema ammonti, u miżuri partikolari oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti.	(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro***, b'hekk il-BĊE jkun jista' jiddeċiedi dwar il-ħruġ potenzjali tiegħu***. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi importanti***, b'benefiċċji pożittivi f'termini tal-libertà tal-persuni li jħallsu, aċċessibbiltà għal mezz ta' pagament diġitali***. ***Barra minn hekk, f'ambjent globali li fih is-sistemi ta' pagament u l-muniti diġitali qed jissawru dejjem aktar minn atturi mhux Ewropej u privati, l-introduzzjoni ta' euro diġitali hija kruċjali biex tiġi ssalvagwardjata s-sovranità monetarja tal-Unjoni u titnaqqas id-dipendenza fuq il-forniturі esterni. L-euro diġitali jservi bħala alternattiva pubblika għal soluzzjonijiet ta' pagament privati, jikkontribwixxi għar-robustezza tax-xenarju ta' pagament Ewropew u jiżgura li ċ-ċittadini u n-negozji jistgħu jibbażaw fuq infrastruttura tal-ħlas sigura, affidabbli u awtonoma.*** Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro,

filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jiddeċiedi jekk joħroġx l-euro diġitali, f'liema żminijiet u f'liema ammonti, u miżuri partikolari ***u karatteristiċi tekniċi*** oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti. ***Il-qafas legali li jirregola l-euro diġitali jenħtieġ li jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, jiżgura l-flessibbiltà biex jakkomoda evoluzzjoni teknoloġika futura u jevita l-preskrizzjoni ta' arkitetturi tekniċi partikolari. Dan se jippermetti lill-euro diġitali jadatta għall-progress teknoloġiku u l-ħtiġijiet tas-soċjetà li qed jevolvu.***

Or. en

Emenda 354
Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, César Luena, Costas Mavrides, Lara Wolters

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi importanti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati	(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi importanti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati

Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' ***jiddeċiedi jekk joħroġx*** l-euro diġitali***, f'liema żminijiet*** u f'liema ammonti, u miżuri partikolari oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti.	Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' ***joħroġ*** l-euro diġitali ***6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** u f'liema ammonti, u miżuri partikolari oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti.
	Or. en

Emenda 355
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi importanti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kompetenti sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jiddeċiedi jekk joħroġx l-euro diġitali, f'liema żminijiet u f'liema ammonti, u miżuri partikolari oħrajn li huma	(8) Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġi stabbilit qafas legali għall-istabbiliment ta' forma tal-euro diġitali bl-istatus ta' valuta legali, għall-użu min-nies, min-negozji u mill-awtoritajiet pubbliċi fiż-żona tal-euro. Bħala forma ġdida tal-euro disponibbli għall-pubbliku ġenerali, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu konsegwenzi soċjali u ekonomiċi importanti. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit l-euro diġitali u li jiġu rregolati l-karatteristiċi ewlenin tiegħu, bħala miżura tad-dritt monetarju. Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa ***l-aktar*** kompetenti u ***xieraq*** sabiex joħroġ u jawtorizza l-ħruġ tal-euro diġitali mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, filwaqt li jeżerċita s-setgħat tiegħu skont it-Trattati. Fuq il-bażi ta' dawk is-setgħat u f'konformità mal-qafas legali stabbilit f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li, għalhekk, il-Bank Ċentrali Ewropew ikun jista' jiddeċiedi jekk joħroġx l-euro diġitali, f'liema żminijiet u f'liema ammonti, u

intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti.	miżuri partikolari oħrajn li huma intrinsikament marbutin mal-ħruġ tiegħu, minbarra l-karti tal-flus u l-muniti.

Or. en

Emenda 356
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White, Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-euro diġitali offline, mifhum bħala forma tokenizzata ta' flus kontanti li tippermetti pagamenti minn apparat għall-ieħor mingħajr ma wieħed jirrikorri għal infrastruttura ta' pagamenti tar-reġistru tal-BĊE, huwa strument ewlieni biex jiġu żgurati r-reżiljenza operazzjonali, il-privatezza u l-aċċess universali għall-bażi monetarja f'ambjent diġitali. L-istabbiliment tiegħu jenħtieġ li jiġi żgurat fi kwalunkwe xenarju, b'mod indipendenti minn kwalunkwe deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi stabbilit euro diġitali online, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbażaw fuq mezz ta' pagament pubbliku diġitali simili għall-flus kontanti li jiffunzjona wkoll fin-nuqqas ta' konnettività jew servizzi ċentralizzati u meta dawn ikunu disponibbli, jista' jintuża għal tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku.

Or. en

Emenda 357
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) L-Unjoni jenħtieġ li tiffoka biss fuq l-iżvilupp u l-interoperabbiltà transfruntiera tal-arranġamenti tas-CBDC bl-ingrossa, inkluża bażi monetarja f'forma tokenizzata għas-saldu ta' titoli u ta' pagamenti ta' valur għoli.

Or. en

Emenda 358
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) L-euro diġitali online jrid jinbeda bħala strument tal-aħħar istanza, għandu jitqies biss meta s-soluzzjonijiet privati kompetittivi, sovrani u pan-Ewropej ma jkunux jistgħu, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, jipprovdu l-livell ta' interoperabbiltà, reżiljenza u kopertura fiż-żona tal-euro meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tas-sovranità tal-pagamenti tal-Unjoni. Għalhekk, kwalunkwe pass lejn infrastruttura ta' pagamenti bbażati fuq il-kontijiet bl-imnut tal-BĊE għal pagamenti bl-imnut online jenħtieġ li jibqa' strettament kondizzjonali, temporanju u proporzjonat, u soġġett għal rivalutazzjoni perjodika skont kriterji ċari marbuta mal-iżviluppi tas-suq.

Or. en

Emenda 359
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament

Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) L-istabbiliment tal-euro diġitali jenħtieġ li inizjalment jiffoka biss fuq l-euro diġitali offline, peress li l-użu tiegħu jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema ta' pagament f'sitwazzjonijiet straordinarji, inaqqas id-dipendenza żejda fuq soluzzjonijiet u teknoloġiji ta' pagament taħt il-kontroll aħħari ta' pajjiżi terzi jew entitajiet minn pajjiżi terzi u jippreżerva t-tħassib taċ-ċittadini dwar il-privatezza.

Or. en

Emenda 360
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White, Regina Doherty, Michalis Hadjipantela, Martine Kemp

Proposta għal regolament
Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi qafas li jiżgura kompetizzjoni ġusta u inċentivi bilanċjati kemm għall-parteċipanti tal-Ewrosistema kif ukoll tas-suq privat. Jenħtieġ li la jiddetermina minn qabel l-eżitu bejn is-soluzzjonijiet Ewropej privati u l-euro diġitali online, u lanqas ma joħloq vantaġġi regolatorji jew finanzjarji li effettivament jibdlu l-euro diġitali online fi pjattaforma pubblika stazzjonarja dominanti. Minflok, l-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li, f'sett ċar ta' regoli dwar is-sikurezza, l-interoperabbiltà, il-protezzjoni tad-data u l-istabbiltà finanzjarja, tista' tipprevali s-soluzzjoni li taqdi lill-utenti b'mod kosteffettiv u jkollha influwenza pan-Ewropea bl-aktar mod effettiv.

Or. en

Emenda 361
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) Sabiex jiġu żgurati l-proporzjonalità u l-kompetittività tas-suq, l-istabbiliment tal-euro diġitali online jenħtieġ li jiġi abbandunat, sabiex ma jiġux esklużi soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani privati eżistenti jew jiġu skoraġġuti soluzzjonijiet ta' pagament bl-imnut sovrani privati futuri li joħorġu mis-suq.

Or. en

Emenda 362
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Premessa 8d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8d) Sabiex jiġu ppreżervati l-inċentivi għall-innovazzjoni kontinwa mill-fornituri ta' pagament Ewropej privati, kwalunkwe deċiżjoni li tistabbilixxi euro diġitali online għal pagamenti bl-imnut online jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn impenn ċar għar-rivalutazzjoni tal-ħtieġa tagħha fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq. Wara perjodu definit, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq rieżami profond tal-impatt tagħha fuq il-kompetizzjoni, l-innovazzjoni u l-vijabbiltà ta' skemi pan-Ewropej privati. Meta tali rieżami jikkonkludi li soluzzjoni privata Ewropea tipprovdi kopertura, reżiljenza u salvagwardji ta' governanza ekwivalenti

jew superjuri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis li tipproponi emendi leġiżlattivi xierqa, inkluż it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni gradwali tal-euro diġitali online.

Or. en

Emenda 363
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Bħall-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro lejn l-utenti tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-euro diġitali jinħareġ għal ammont ugwali għall-valur par tal-obbligazzjoni korrispondenti fil-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, b'mod partikolari billi r-riżervi tal-banek ċentrali tal-forniturи ta' servizzi ta' pagament jiġu kkonvertiti f'ammonti miżmumin ta' euro diġitali, sabiex tiġi ssodisfata d-domanda mill-utenti tal-euro diġitali. Sabiex iżommu u jużaw l-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom jistabbilixxu biss relazzjoni kuntrattwali mal-forniturи ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali sabiex jiftħu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali. Ma tiġi stabbilita l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn l-utent tal-euro diġitali u l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-banek ċentrali nazzjonali. Jenħtieġ li l-forniturи ta' servizzi ta' pagament jimmaniġġaw il-kontijiet bl-euro diġitali tal-utenti tal-euro diġitali f'isimhom u jipprovdulhom servizzi ta' pagament bl-euro diġitali.	***imħassar***

Peress li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma humiex parti għar-responsabbiltà diretta miżmuma mill-utenti tal-euro diġitali quddiem il-Bank Ċentrali Ewropew u quddiem il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, u qegħdin jaġixxu f'isem l-utenti tal-euro diġitali, l-insolvenza tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma taffettwax lill-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 364
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Bħall-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro lejn l-utenti tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-euro diġitali jinħareġ għal ammont ugwali għall-valur par tal-obbligazzjoni korrispondenti fil-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, b'mod partikolari billi r-riżervi tal-banek ċentrali tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament jiġu kkonvertiti f'ammonti miżmumin ta' euro diġitali, sabiex tiġi ssodisfata d-domanda mill-utenti tal-euro diġitali. Sabiex iżommu u jużaw l-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom jistabbilixxu biss relazzjoni kuntrattwali mal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali sabiex jiftħu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali. Ma tiġi stabbilita l-ebda relazzjoni	(9) Bħall-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro lejn l-utenti tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-euro diġitali jinħareġ għal ammont ugwali għall-valur par tal-obbligazzjoni korrispondenti fil-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, b'mod partikolari billi r-riżervi tal-banek ċentrali tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament jiġu kkonvertiti f'ammonti miżmumin ta' euro diġitali, sabiex tiġi ssodisfata d-domanda mill-utenti tal-euro diġitali. Sabiex iżommu u jużaw l-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom jistabbilixxu biss relazzjoni kuntrattwali mal-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali sabiex jiftħu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ***u jenħtieġ li ma jingħatawx għażla***

kuntrattwali bejn l-utent tal-euro diġitali u l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-banek ċentrali nazzjonali. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimmaniġġaw il-kontijiet bl-euro diġitali tal-utenti tal-euro diġitali f'isimhom u jipprovdulhom servizzi ta' pagament bl-euro diġitali. Peress li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma humiex parti għar-responsabbiltà diretta miżmuma mill-utenti tal-euro diġitali quddiem il-Bank Ċentrali Ewropew u quddiem il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, u qegħdin jaġixxu f'isem l-utenti tal-euro diġitali, l-insolvenza tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma taffettwax lill-utenti tal-euro diġitali.

prestabbilita li jassoċjaw il-kont ta' pagament diġitali tagħhom ma' kont ta' pagament mhux diġitali. Ma tiġi stabbilita l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn l-utent tal-euro diġitali u l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-banek ċentrali nazzjonali***, dment li tal-aħħar jassumu rwol fid-distribuzzjoni tal-euro diġitali bħala PSP. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw aċċess sħiħ għas-servizzi ta' pagament bl-euro diġitali permezz ta' distributur pubbliku, li jenħtieġ li jkollu l-mandat espliċitu li jippromwovi l-inklużività***. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimmaniġġaw il-kontijiet bl-euro diġitali tal-utenti tal-euro diġitali f'isimhom u jipprovdulhom servizzi ta' pagament bl-euro diġitali. Peress li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma humiex parti għar-responsabbiltà diretta miżmuma mill-utenti tal-euro diġitali quddiem il-Bank Ċentrali Ewropew u quddiem il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, u qegħdin jaġixxu f'isem l-utenti tal-euro diġitali, l-insolvenza tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament ma taffettwax lill-utenti tal-euro diġitali. ***Fornitur ta' servizzi ta' pagament fl-ebda ċirkostanza ma jista' jsir is-sid ta' drittijiet rappreżentati mill-euro diġitali, jew ikollu xi interess proprjetarju fihom, mal-ftuħ tal-kontijiet għall-utenti tal-euro diġitali.***

Or. en

Emenda 365
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor, Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Bħall-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun responsabbiltà diretta tal-Bank Ċentrali	(9) Bħall-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, jenħtieġ li l-euro diġitali jkun ***entrata ta'*** responsabbiltà diretta ***fuq il-karta***

Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro lejn l-utenti tal-euro diġitali. Jenħtieġ li l-euro diġitali jinħareġ għal ammont ugwali għall-valur par ***tal-obbligazzjoni*** korrispondenti fil-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, b'mod partikolari billi r-riżervi tal-banek ċentrali tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament jiġu kkonvertiti f'ammonti miżmumin ta' euro diġitali, sabiex tiġi ssodisfata d-domanda mill-utenti tal-euro diġitali. Sabiex iżommu u jużaw l-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom jistabbilixxu biss relazzjoni kuntrattwali mal-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali sabiex jiftħu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali. Ma tiġi stabbilita l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn l-utent tal-euro diġitali u l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-banek ċentrali nazzjonali. Jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament jimmaniġġaw il-kontijiet bl-euro diġitali tal-utenti tal-euro diġitali f'isimhom u jipprovdulhom servizzi ta' pagament bl-euro diġitali. Peress li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma humiex parti għar-responsabbiltà diretta miżmuma mill-utenti tal-euro diġitali quddiem il-Bank Ċentrali Ewropew u quddiem il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, u qegħdin jaġixxu f'isem l-utenti tal-euro diġitali, l-insolvenza tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma taffettwax lill-utenti tal-euro diġitali.

bilanċjali tal-Bank Ċentrali Ewropew jew tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro lejn l-utenti tal-euro diġitali. ***L-ammonti miżmumin ta' euro diġitali jenħtieġ li jkunu l-proprjetà tal-utenti tal-euro diġitali u mhux tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jipprovdu servizzi tal-euro diġitali.*** Jenħtieġ li l-euro diġitali jinħareġ għal ammont ugwali għall-valur par ***tal-entrata ta' obbligazzjoni*** korrispondenti fil-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, b'mod partikolari billi r-riżervi tal-banek ċentrali tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament jiġu kkonvertiti f'ammonti miżmumin ta' euro diġitali, sabiex tiġi ssodisfata d-domanda mill-utenti tal-euro diġitali. Sabiex iżommu u jużaw l-euro diġitali, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom jistabbilixxu biss relazzjoni kuntrattwali mal-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali sabiex jiftħu kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali. Ma tiġi stabbilita l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn l-utent tal-euro diġitali u l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-banek ċentrali nazzjonali. Jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament jimmaniġġaw il-kontijiet bl-euro diġitali tal-utenti tal-euro diġitali f'isimhom u jipprovdulhom servizzi ta' pagament bl-euro diġitali. Peress li l-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma humiex parti għar-responsabbiltà diretta miżmuma mill-utenti tal-euro diġitali quddiem il-Bank Ċentrali Ewropew u quddiem il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, u qegħdin jaġixxu f'isem l-utenti tal-euro diġitali, l-insolvenza tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament ma taffettwax lill-utenti tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 366
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) L-euro diġitali jenħtieġ li jitqies bħala assi immaterjali li jwassal għal drittijiet in rem bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni u fil-kuntest tad-dritt privat nazzjonali. Din in-natura legali jenħtieġ li tapplika kemm għall-verżjoni online kif ukoll dik offline, irrispettivament mill-konfigurazzjoni teknika rispettiva tagħhom, peress li ż-żewġ varjanti tal-euro diġitali jenħtieġ li jkunu funġibbli b'paritá bejniethom. L-utenti tal-euro diġitali jenħtieġ li jibqgħu l-uniċi sidien tad-drittijiet rappreżentati mill-euro diġitali, jew id-detenturi ta' interessi proprjetarji fihom, minkejja li l-utenti tal-euro diġitali jaċċessaw u jużaw l-ammonti miżmumin tagħhom permezz tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament rispettivi tagħhom. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu sottostanti bejn il-pagatur u l-prenditur. Il-fornitur ta' servizzi ta' pagament fl-ebda ċirkostanza ma jista' jitqies, għall-fatt uniku li jipprovdi servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, is-sid tad-drittijiet rappreżentati mill-euro diġitali, jew ikollu xi interess proprjetarju fihom, mal-ftuħ tal-kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali għall-benefiċċji tal-utenti tal-euro diġitali. Għalhekk, il-limitu fuq l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali u l-mezz ta' aċċess għalihom jenħtieġ li ma jkunux jistgħu jintlaħqu mill-krediturituri tal-forniturituri ta' servizzi ta' pagament. B'mod partikolari, proċedimenti ta' insolvenza kontra l-forniturituri ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li ma jaffettwawx l-utenti taż-żona tal-euro. Sakemm l-Istati Membri jikkonformaw mat-trattament tal-euro diġitali bħala assi immaterjali u sal-punt li kwistjoni tiġi rregolata f'dan ir-

Regolament, japplikaw ir-regoli nazzjonali rilevanti td-dritt privat.

Or. en

Emenda 367
Luděk Niedermayer, Martine Kemp

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) L-introduzzjoni fuq skala shiħa tal-euro diġitali jenħtieġ li tibni fuq l-ittestjar, il-valutazzjoni u l-ħidma preparatorja tal-Bank Ċentrali Ewropew, li jipprovdu bażi suffiċjenti għat-tnedija sikura u xierqa tiegħu. Prekundizzjonijiet addizzjonali għall-introduzzjoni tiegħu jenħtieġ li jiġu evitati sabiex jiġi żgurat varar effiċjenti u f'waqtu tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 368
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli ***11,*** 34, 35, 36 u 38***, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 37. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards***	(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli ***3, 11, 16***, 34, 35, 36***, 37*** u 38. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-

dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f'dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta' pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], li pprevediet li "fondi" jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta' bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 dwar il-pagamenti transfruntiera.

protezzjoni tad-data ***u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data***. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f'dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta' pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], li pprevediet li "fondi" jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta' bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 dwar il-pagamenti transfruntiera.

Or. en

Emenda 369
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 11, 34, 35, 36 u 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont ***l-Artikolu 37***. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f'dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta' pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-	(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 11, ***16,*** 34, 35, 36***, 37*** u 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont ***l-Artikoli 17, 17a, 17b, 17c, 17d, u 33***. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. ***Sabiex jiġi żgurat appoġġ pubbliku wiesa' għall-euro diġitali, rata għolja ta' adozzjoni fis-suq hija importanti. Għalhekk, meta jfassal il-ġabra ta' regoli tiegħu, il-BĊE għandu jiżgura konsultazzjonijiet frekwenti u dettaljati mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha sabiex jiżgura li jkollhom il-possibbiltà frekwenti li jipprovdu kontribut u feedback matul il-proċess. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti li jistgħu jikkontribwixxu għall-konsultazzjonijiet jinkludu fornituri ta' servizzi ta' pagament, negozjanti u konsumaturi***. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u

servizzi ta’ pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta’ pagament u servizzi ta’ flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], li pprevediet li “fondi” jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta’ bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 dwar il-pagamenti transfruntiera.

għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta’ fondi, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f’dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta’ pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta’ pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta’ pagament u servizzi ta’ flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], li pprevediet li “fondi” jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta’ bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 dwar il-pagamenti transfruntiera.

Or. en

Emenda 370
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta	(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta

skont l-Artikoli 11, 34, 35, 36 u 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 37. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f'dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta' pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], li pprevediet li "fondi" jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta' bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-

skont l-Artikoli 11, 34, 35, 36 u 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 37. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. ***L-eċċezzjonijiet u l-limiti għall-aċċettazzjoni obbligatorja jistgħu jseħħu biss meta objettiv ieħor tal-politika pubblika jenħtieġ li jieħu post il-valuta legali u dejjem f'konformità stretta mal-prinċipju tal-proporzjonalità***. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f'dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta' pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar

Regolament (UE) 2021/1230 dwar il-pagamenti transfruntiera.

id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], li pprevediet li "fondi" jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta' bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 dwar il-pagamenti transfruntiera.

Or. en

Emenda 371
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont ***l-Artikoli 11, 34, 35, 36 u*** 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 37. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament	(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont ***l-Artikolu*** 38, u bl-atti ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 37. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta’ fondi, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f’dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta’ pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta’ pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta’ pagament u servizzi ta’ flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], li pprevediet li “fondi” jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta’ bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 dwar il-pagamenti transfruntiera.	Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta’ fondi, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f’dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta’ pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta’ pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar is-servizzi ta’ pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta’ pagament u servizzi ta’ flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], li pprevediet li “fondi” jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta’ bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 dwar il-pagamenti transfruntiera.

Or. en

Emenda 372
Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, César Luena, Costas Mavrides

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli ***11,*** 34, 35, 36 u 38, u bl-atti ta’ implimentazzjoni li l-Kummissjoni	(10) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament. Dawn jistgħu jiġu ssupplimentati bl-atti delegati li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikoli 34, 35, 36 u 38, u bl-atti ta’ implimentazzjoni li l-Kummissjoni

għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 37. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f'dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta' pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], li pprevediet li "fondi" jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta' bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 dwar il-

għandha s-setgħa li tadotta skont l-Artikolu 37. Barra minn hekk, fil-qafas ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew jista' jadotta miżuri, regoli u standards dettaljati skont il-kompetenzi tiegħu stess. Meta tali miżuri, regoli u standards ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, ir-Regolament jiċċara wkoll li l-euro diġitali huwa soġġett għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u għar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, mingħajr preġudizzju għall-qafas aġġustat dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit f'dan ir-regolament għal tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali. It-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u s-servizzi ta' pagament relatati huma wkoll soġġetti għad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, kif emendata bid-Direttiva [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza - proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-suq intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE - COM(2023) 366 final], li pprevediet li "fondi" jinkludu flus tal-bank ċentrali maħruġa għall-użu ta' bejgħ bl-imnut (jiġifieri karti tal-flus, muniti u muniti diġitali tal-bank ċentrali), u għar-Regolament (UE) 2021/1230 dwar il-

pagamenti transfruntiera.	pagamenti transfruntiera.

Or. en

Emenda 373
Fernando Navarrete Rojas, Markus Ferber, Stefan Berger, Daniel Caspary, Ralf Seekatz, Christophe Gomart, Isabel Benjumea Benjumea, Antonio López-Istúriz White

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Minħabba l-iżvilupp avvanzat ta' diversi inizjattivi Ewropej ta' pagament privat li għandhom l-għan li jipprovdu soluzzjonijiet ta' pagament interoperabbli, huwa essenzjali li dan ir-Regolament ma jantiċipax jew ma jeskludix dawn l-inizjattivi qabel ma jiġi vvalutat bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom. Għalhekk, il-qafas leġiżlattiv jenħtieġ li jevita milli jistabbilixxi żona tal-euro diġitali online bħala s-soluzzjoni awtomatika, u minflok jipprovdi biżżejjed żmien, ċertezza regolatorja u kundizzjonijiet ta' interoperabbiltà biex jiġu varati u evalwati l-iskemi Ewropej privati u, meta jkun xieraq, dawn jiġu rikonoxxuti bħala li jilħqu l-objettivi tal-Unjoni ta' sovranità tal-pagamenti, reżiljenza u kompetittività filwaqt li jkunu lesti li jimlew immedjatament il-lakuna jekk dawn l-objettivi ma jintlaħqux bis-sħiħ.

Or. en

Emenda 374
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(11) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-istatus ta' valuta legali tal-euro diġitali bħala munita unika fiż-żona tal-euro kollha, u l-aċċettazzjoni ta' pagamenti f'euro diġitali, jenħtieġ li fl-Istati Membri jiġu introdotti u applikati regoli dwar sanzjonijiet għal ksur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 375
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 376
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien ***tal-aspetti differenti*** tal-euro diġitali.	(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien ***tad-disponibbiltà, il-karatteristiċi, u l-aċċessibbiltà*** tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 377
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali.	(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali, inklużi l-benefiċċji tal-użu tiegħu kif ukoll il-karatteristiċi tiegħu relatati mal-protezzjoni u l-eżerċitar tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali***, inkluż il-benefiċċji tal-użu tiegħu kif ukoll il-karatteristiċi tiegħu relatati mal-protezzjoni u l-eżerċitar tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali***.

Or. en

Emenda 378
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali.	(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali. ***Huwa partikolarment rilevanti li jiġu ppreżervati l-fiduċja u l-kredibbiltà fl-euro diġitali permezz ta' żvilupp immexxi mill-Bank Ċentrali Ewropew. Barra minn***

hekk, il-protezzjoni u l-inklużjoni ta' persuni f'pożizzjonijiet vulnerabbli jew żvantaġġati kif ukoll persuni b'diżabilità meta jiżviluppaw u jużaw munita diġitali aċċessibbli u faċli biex tintuża jinkisbu l-aħjar bi tmexxija pubblika tal-proġett.

Or. en

Emenda 379
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali.	(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali. ***B'mod partikolari, jeħtiġilhom jaħdmu b'mod proattiv biex jiżguraw li l-euro diġitali jkun aċċessibbli għas-segmenti kollha tas-soċjetà, inkluż il-gruppi vulnerabbli, il-komunitajiet emarġinati u l-popolazzjonijiet mhux moqdijin tajjeb, u jenħtieġ li jagħtu prijorità lill-isforzi ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu, jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali b'mod effettiv.***

Or. en

Emenda 380
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali.	(13) Jenħtieġ li l-Istati Membri, l-awtoritajiet rilevanti tagħhom u l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jużaw miżuri ta' informazzjoni u edukattivi sabiex jiżguraw il-livell neċessarju ta' sensibilizzazzjoni u ta' għarfien tal-aspetti differenti tal-euro diġitali. ***B'mod partikolari, jeħtiġilhom jiffaċilitaw miżuri biex jagħmluh aċċessibbli għall-partijiet kollha tas-soċjetà, inkluż il-gruppi vulnerabbli, il-komunitajiet emarġinati u l-popolazzjonijiet mhux moqdijin tajjeb, u jagħtu prijoritàlill-isforzi ta' sensibilizzazzjoni u edukazzjoni biex jiżguraw li ċ-ċittadini jifhmu kif jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali b'mod effettiv.***

Or. en

Emenda 381
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***L-euro diġitali, bħala munita*** diġitali ***bl-istatus ta' valuta legali denominata f'euro maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema,*** jenħtieġ li ***jkun aċċessibbli b'mod wiesa', utilizzabbli u aċċettat bħala mezz ta' pagament. L-għoti ta' status ta' valuta legali lill-euro diġitali jenħtieġ li jappoġġa l-użu tiegħu fil-pagamenti madwar iż-żona tal-euro u b'hekk jappoġġa wkoll l-isforzi sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà kontinwi tal-bażi monetarja fir-rwol tiegħu ta' ankra monetarja, peress li l-flus kontanti waħedhom ma jistgħux jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija li***	(16) ***Bl-istess mod bħall-kards u forom oħra ta' pagamenti*** diġitali***, iċ-ċittadini, in-negozjanti u l-istituzzjonijiet finanzjarji*** jenħtieġ li ***jibqgħu liberi li jagħżlu jekk jaċċettawx il-pagamenti*** f'euro diġitali***. L-għoti ta' status*** ta' valuta legali ***lill-euro*** diġitali ***joħloq vantaġġ kompetittiv għall-euro diġitali, filwaqt li jikkompeti ma' alternattivi privati***.

qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa. Barra minn hekk, l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti f'euro diġitali ***bħala waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-istatus*** ta' valuta legali ***tiżgura li n-nies u n-negozji jibbenefikaw minn aċċettazzjoni wiesgħa u jkollhom għażla reali li jħallsu bil-bażi monetarja b'mod*** diġitali ***u b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha***.

Or. en

Emenda 382
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-euro diġitali, bħala munita diġitali bl-istatus ta' valuta legali denominata f'euro maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema, jenħtieġ li jkun aċċessibbli b'mod wiesa', utilizzabbli u aċċettat bħala mezz ta' pagament. L-għoti ta' status ta' valuta legali lill-euro diġitali jenħtieġ li jappoġġa l-użu tiegħu fil-pagamenti madwar iż-żona tal-euro u b'hekk jappoġġa wkoll l-isforzi sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà kontinwi tal-bażi monetarja fir-rwol tiegħu ta' ankra monetarja, peress li l-flus kontanti waħedhom ma jistgħux jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa. Barra minn hekk, l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti f'euro diġitali bħala waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-istatus ta' valuta legali tiżgura li n-nies u n-negozji jibbenefikaw minn aċċettazzjoni wiesgħa u jkollhom għażla reali li jħallsu bil-bażi monetarja b'mod diġitali u b'mod uniformi	(16) L-euro diġitali, bħala munita diġitali bl-istatus ta' valuta legali denominata f'euro maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema, jenħtieġ li jkun aċċessibbli b'mod wiesa', utilizzabbli u aċċettat bħala mezz ta' pagament. L-għoti ta' status ta' valuta legali lill-euro diġitali jenħtieġ li jappoġġa l-użu tiegħu fil-pagamenti madwar iż-żona tal-euro u b'hekk jappoġġa wkoll l-isforzi sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà kontinwi tal-bażi monetarja fir-rwol tiegħu ta' ankra monetarja ***u strument ta' pagament ta' kuljum***, peress li l-flus kontanti waħedhom ma jistgħux jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa. Barra minn hekk, l-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti f'euro diġitali bħala waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-istatus ta' valuta legali tiżgura li n-nies u n-negozji jibbenefikaw minn aċċettazzjoni wiesgħa u jkollhom għażla reali li jħallsu bil-bażi monetarja b'mod diġitali u b'mod uniformi fiż-żona tal-euro

fiż-żona tal-euro kollha.

kollha. ***Fl-aħħar nett, l-introduzzjoni ta' euro diġitali għandu jkollha l-għan li tippreżerva u tadatta d-drittijiet fundamentali tal-individwi biex mhux biss jużaw, iżda wkoll jaċċessaw u jkollhom bażi monetarja, dritt li kien mingħajr restrizzjonijiet għall-flus kontanti fiżiċi. L-euro diġitali jenħtieġ li ma jiffunzjonax biss bħala strument ta' pagament iżda jrid jiggarantixxi wkoll il-kontinwazzjoni ta' dan id-dritt fl-era diġitali, jissalvagwardja l-inklużjoni finanzjarja, iżomm is-sovranità monetarja u jrawwem il-fiduċja tal-pubbliku fl-euro bħala l-munita tal-Unjoni Ewropea.***

Or. en

Emenda 383
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-euro diġitali, bħala munita diġitali bl-istatus ta' valuta legali denominata f'euro maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema, jenħtieġ li jkun aċċessibbli b'mod wiesa', utilizzabbli u aċċettat bħala mezz ta' pagament. L-għoti ta' status ta' valuta legali lill-euro diġitali jenħtieġ li jappoġġa l-użu tiegħu fil-pagamenti madwar iż-żona tal-euro u b'hekk jappoġġa wkoll l-isforzi sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà kontinwi tal-bażi monetarja fir-rwol tiegħu ta' ankra monetarja, peress li l-flus kontanti waħedhom ma jistgħux jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa. Barra minn hekk, l-	(16) L-euro diġitali, bħala munita diġitali bl-istatus ta' valuta legali denominata f'euro maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, bħala parti mill-Eurosistema, jenħtieġ li jkun aċċessibbli b'mod wiesa', utilizzabbli u aċċettat bħala mezz ta' pagament. L-għoti ta' status ta' valuta legali lill-euro diġitali jenħtieġ li jappoġġa l-użu tiegħu fil-pagamenti madwar iż-żona tal-euro u b'hekk jappoġġa wkoll l-isforzi sabiex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà kontinwi tal-bażi monetarja fir-rwol tiegħu ta' ankra monetarja, peress li l-flus kontanti waħedhom ma jistgħux jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ekonomija li qiegħda tiddiġitalizza b'ħeffa. Barra minn hekk, l-

aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti f'euro diġitali bħala waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-istatus ta' valuta legali tiżgura li n-nies u n-negozji jibbenefikaw minn aċċettazzjoni wiesgħa u jkollhom għażla reali li jħallsu bil-bażi monetarja b'mod diġitali u b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha.

aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti f'euro diġitali bħala waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin tal-istatus ta' valuta legali tiżgura li n-nies u n-negozji jibbenefikaw minn aċċettazzjoni wiesgħa u jkollhom għażla reali li jħallsu bil-bażi monetarja b'mod diġitali u b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha. ***Fl-aħħar nett, l-introduzzjoni ta' euro diġitali jenħtieġ li tfittex li tissalvagwardja u ssarraf fl-ambjent diġitali d-dritt fundamentali tal-individwi biex mhux biss jużaw iżda wkoll jaċċessaw u jkollhom bażi monetarja, dritt li ilu mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward tal-flus kontanti fiżiċi. L-euro diġitali jenħtieġ li jservi mhux biss bħala strument ta' pagament iżda wkoll bħala mezz biex dan id-dritt jiġi ppreżervat f'kuntest diġitali, b'hekk jappoġġa l-inklużjoni finanzjarja, isaħħaħ is-sovranità monetarja u jsostni l-fiduċja tal-pubbliku fl-euro bħala l-munita tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 384
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) L-utenti tal-euro diġitali jistgħu jagħżlu liberament jekk iwettqux tranżazzjonijiet tal-euro diġitali online jew offline soġġetti għal-limiti stabbiliti minn dan ir-Regolament. L-użu online tal-euro diġitali jirriżulta fi tranżazzjonijiet li huma ekwivalenti għal tranżazzjonijiet PSD2 u li huma rregolati mill-Artikolu 34 ta' dan ir-Regolament (dwar il-limiti fuq l-ammonti miżmumin). L-użu offline tal-euro diġitali jista' jkun soġġett għal limiti aktar baxxi fuq l-ammonti miżmumin

f'termini tad-daqs tat-tranżazzjoni f'konformità mal-AML eżistenti u mal-Artikolu 37 ta' dan ir-Regolament. Il-limiti għall-użu offline huma soġġetti għal analiżi tal-proporzjonalità ta' limitu speċifiku, li għandha titwettaq mill-Kummissjoni Ewropea. L-użu online u offline tal-euro diġitali huwa komplementari u sinerġistiku li jirriżulta f'forma unika ta' munita u mod ta' pagament uniformi fost il-membri kollha taż-żona tal-euro.

Or. en

Emenda 385
Giovanni Crosetto, Denis Nesci, Francesco Ventola, Mariateresa Vivaldini, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Sabiex jiġi żgurat li l-individwi kollha jkunu jistgħu effettivament jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro jenħtieġ li, matul il-fażi ta' tnedija inizjali (5 snin), jipprovdu inċentivi ekonomiċi temporanji għad-distributuri, l-akkwirenti u n-negozjanti soġġetti għal aċċettazzjoni obbligatorja, inkluż deroga temporanja mir-regoli ġenerali dwar l-imposti fuq is-servizzi tan-negozjanti. B'mod partikolari, il-pagamenti bl-euro diġitali ta' valur baxx li jsiru f'punti tal-bejgħ fiżiċi jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal tali tariffi, sabiex tiġi promossa l-adozzjoni bikrija, tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni tan-negozjanti, speċjalment mill-intrapriżi mikro u żgħar, u tiġi appoġġata l-inklużjoni finanzjarja.

Or. en

Emenda 386
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Mhuwiex ċar kif l-euro diġitali jiġi kklassifikat bħala dritt proprjetarju fl-Istati Membri taż-żona tal-euro. Sakemm titwieġeb din il-mistoqsija, jew sakemm l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiċċaraw dan fil-leġiżlazzjoni nazzjonali qabel il-ħruġ inizjali, għad hemm inċertezza dwar jekk, u kif, l-euro diġitali jista' jiġi ttrasferit, mirhun jew jista' jsir rikors għalih.

Or. en

Emenda 387
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Sabiex jiġi żgurat li l-individwi kollha jistgħu effettivament jaċċessaw u jużaw l-euro diġitali, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro jenħtieġ li jipprovdu inċentivi ekonomiċi temporanji għad-distributuri, l-akkwirenti u n-negozjanti soġġetti għal aċċettazzjoni obbligatorja matul il-fażi ta' tnedija inizjali (3 snin).

Or. en

Emenda 388
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) L-użu online tal-euro diġitali jista' jiġi introdott fl-istess ħin jew f'ħin differenti mal-użu offline tal-euro diġitali, soġġett għall-iżvilupp tal-infrastruttura u filwaqt li jitqiesu l-aħjar prattiki fi żmien il-ħruġ, f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Dan irid iqis metodoloġija ta' ppjanar tar-riżorsi integrata fl-isfruttar tal-infrastruttura eżistenti, meta applikabbli, sabiex jiġu evitati investimenti żejda. Iridu jiġu applikati kriterji tal-inqas kost u analiżi tal-kostijiet-benefiċċji fil-proċess kollu u jiġi ggwidat il-ħsieb dwar liema fażijiet tal-proġett għandhom jitniedu l-ewwel. Il-BĊE jeħtieġlu jipprovdi analiżi tal-kostijiet-benefiċċji u jissottometti rapport rilevanti lill-Parlament Ewropew fuq bażi semi annwali.

Or. en

Emenda 389
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 16c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16c) L-użu tal-verżjonijiet online u offline tal-euro diġitali jimplika kostijiet ta' apprendiment konsiderevoli min-naħa taċ-ċittadini Ewropej. F'konformità mal-prinċipju ta' preparatezza mit-tfassil u għall-fini li ċ-ċittadini Ewropej jiffamiljarizzaw irwieħhom mal-użu tad-diġitali, il-BĊE għandu l-obbligu li jintroduċi l-modalitajiet online u offline tal-euro diġitali, l-aktar kmieni possibbli u fil-livell meħtieġ tat-tħejjija, soġġett għal

	limitazzjonijiet raġonevoli u mingħajr ma jitqies liema jiġi l-ewwel.

Or. en

Emenda 390
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu status ta' valuta legali għat-tranżazzjonijiet offline ta' pagament bl-euro diġitali li jseħħu fiż-żona tal-euro, b'mod simili għall-karti tal-flus u għall-muniti tal-euro li għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu wkoll status ta' valuta legali għal tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali magħmulin lil prenditur li jirrisjedi jew stabbilit fiż-żona tal-euro, meta l-pagatur ikun residenti jew stabbilit ukoll fiż-żona tal-euro. B'mod simili, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu status ta' valuta legali għal tranżazzjonijiet ta' pagament online bl-euro diġitali li jsiru lil prenditur li jirrisjedi jew stabbilit fiż-żona tal-euro, meta l-pagatur ma jkunx residenti jew stabbilit fiż-żona tal-euro.	***imħassar***

Or. en

Emenda 391
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Għall-finijiet tal-Artikolu 9, il-

punt (b), raġunijiet leġittimi, tekniċi u temporanji għar-rifjut ta' pagament bl-euro diġitali jenħtieġ li jinftiehmu bħala ċirkostanzi oġġettivi lil hinn mill-kontroll tal-prenditur li jipprevjenu l-eżekuzzjoni xierqa tat-tranżazzjoni. Tali raġunijiet jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, tfixkil fin-networks ta' komunikazzjoni, ħsarat jew funzjonament ħażin tal-apparati jew it-terminals tal-ħlas, jew nuqqas ta' disponibbiltà temporanju tal-infrastruttura tal-euro diġitali. Dawn ir-raġunijiet jenħtieġ li jkunu strettament temporanji, proporzjonati u jiġu rrimedjati malajr kemm jista' jkun.

Or. en

Emenda 392
Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, César Luena, Costas Mavrides

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) [...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 393
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 394
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Peress li l-euro diġitali tirrikjedi l-kapaċità li jiġu aċċettati mezzi ta' pagament diġitali, l-impożizzjoni ta' obbligu ta' aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'euro diġitali fuq il-prendituri kollha tista' tkun sproporzjonata. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali għal persuni fiżiċi li jaġixxu waqt attività purament personali jew domestika. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għall-mikrointrapriżi, li huma partikolarment importanti fiż-żona tal-euro għall-iżvilupp tal-ħolqien tax-xogħol u tal-innovazzjoni fl-intraprenditorija, filwaqt li jaqdu rwol vitali fit-tiswir tal-ekonomija***. Jenħtieġ li l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni jnaqqsu l-piżijiet regolatorji għall-intrapriżi ta' dan id-daqs***. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għal entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jippromwovu l-interess pubbliku u jservu għall-ġid pubbliku li jwettqu varjetà ta' għanijiet ta' interess għas-soċjetà, inklużi l-ekwità, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem. Għall-mikrointrapriżi u għall-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, l-akkwist tal-infrastruttura meħtieġa u l-kostijiet ta' aċċettazzjoni jkunu sproporzjonati. Għalhekk, jenħtieġ li dawn ikunu eżentati mill-obbligu li jaċċettaw pagamenti bl-euro diġitali. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li jibqgħu disponibbli mezzi oħrajn għas-saldu tad-djun monetarji. Madankollu, jenħtieġ li l-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jaċċettaw mezzi diġitali komparabbli ta' pagament	(18) Peress li l-euro diġitali tirrikjedi l-kapaċità li jiġu aċċettati mezzi ta' pagament diġitali, l-impożizzjoni ta' obbligu ta' aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'euro diġitali fuq il-prendituri kollha tista' tkun sproporzjonata. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali għal persuni fiżiċi li jaġixxu waqt attività purament personali jew domestika. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għall-mikrointrapriżi, li huma partikolarment importanti fiż-żona tal-euro għall-iżvilupp tal-ħolqien tax-xogħol u tal-innovazzjoni fl-intraprenditorija, filwaqt li jaqdu rwol vitali fit-tiswir tal-ekonomija. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għal entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jippromwovu l-interess pubbliku u jservu għall-ġid pubbliku li jwettqu varjetà ta' għanijiet ta' interess għas-soċjetà, inklużi l-ekwità, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem. Għall-mikrointrapriżi u għall-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, l-akkwist tal-infrastruttura meħtieġa u l-kostijiet ta' aċċettazzjoni jkunu sproporzjonati. Għalhekk, jenħtieġ li dawn ikunu eżentati mill-obbligu li jaċċettaw pagamenti bl-euro diġitali. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li jibqgħu disponibbli mezzi oħrajn għas-saldu tad-djun monetarji. Madankollu, jenħtieġ li l-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jaċċettaw mezzi diġitali komparabbli ta' pagament mingħand pagaturi jkunu soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-

mingħand pagaturi jkunu soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali. Jenħtieġ li l-mezzi diġitali komparabbli ta' pagament jinkludu pagament bil-karta tad-debitu jew pagament istantanju jew soluzzjonijiet teknoloġiċi futuri oħrajn użati fil-punt ta' interazzjoni, iżda jenħtieġ li jeskludu t-trasferiment ta' kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta' interazzjoni. Il-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li ma jaċċettawx mezzi diġitali komparabbli ta' ħlas mingħand il-pagaturi tagħhom fis-saldu ta' dejn (eż. jaċċettaw biss karti tal-flus u muniti tal-euro), iżda jistgħu jużaw pagamenti diġitali fis-saldu ta' dejn lill-prendituri tagħhom (eż. iħallsu bi trasferimenti ta' kreditu), jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti bl-euro diġitali. Fl-aħħar nett, prenditur jista' jirrifjuta wkoll pagament bl-euro diġitali jekk ir-rifjut isir bona fide u jekk il-prenditur jiġġustifika r-rifjut għal raġunijiet leġittimi u temporanji, proporzjonati għal ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tiegħu, li jwasslu għal impossibbiltà li jaċċetta pagamenti bl-euro diġitali fiż-żmien rilevanti tat-tranżazzjoni, bħal qtugħ fil-provvista tad-dawl fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali, jew apparat difettuż fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline jew online bl-euro diġitali.

euro diġitali. Jenħtieġ li l-mezzi diġitali komparabbli ta' pagament jinkludu pagament bil-karta tad-debitu jew pagament istantanju jew soluzzjonijiet teknoloġiċi futuri oħrajn użati fil-punt ta' interazzjoni, iżda jenħtieġ li jeskludu t-trasferiment ta' kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta' interazzjoni. ***Barra minn hekk, il-mikrointrapriżi jenħtieġ li jiġu ssalvagwardjati minn tariffi eċċessivament għoljin biex jiġi żgurat li jiġu mħeġġa jaċċettaw malajr l-euro diġitali. Dan huwa partikolarment importanti minħabba li n-negozji lokali għandhom rwol strateġiku kruċjali fil-promozzjoni u s-solidifikazzjoni tal-euro diġitali bħala għodda ta' pagament għall-ispejjeż ta' kuljum. Jenħtieġ li l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni jnaqqsu l-piżijiet regolatorji għall-intrapriżi ta' dan id-daqs.*** Il-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li ma jaċċettawx mezzi diġitali komparabbli ta' ħlas mingħand il-pagaturi tagħhom fis-saldu ta' dejn (eż. jaċċettaw biss karti tal-flus u muniti tal-euro), iżda jistgħu jużaw pagamenti diġitali fis-saldu ta' dejn lill-prendituri tagħhom (eż. iħallsu bi trasferimenti ta' kreditu), jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti bl-euro diġitali. Fl-aħħar nett, prenditur jista' jirrifjuta wkoll pagament bl-euro diġitali jekk ir-rifjut isir bona fide u jekk il-prenditur jiġġustifika r-rifjut għal raġunijiet leġittimi u temporanji, proporzjonati għal ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tiegħu, li jwasslu għal impossibbiltà li jaċċetta pagamenti bl-euro diġitali fiż-żmien rilevanti tat-tranżazzjoni, bħal qtugħ fil-provvista tad-dawl fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti online bl-euro diġitali, jew apparat difettuż fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti offline jew online bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 395
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Peress li l-euro diġitali tirrikjedi l-kapaċità li jiġu aċċettati mezzi ta' pagament diġitali, l-impożizzjoni ta' obbligu ta' aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'euro diġitali fuq il-prendituri kollha tista' tkun sproporzjonata. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali għal persuni fiżiċi li jaġixxu waqt attività purament personali jew domestika. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għall-mikrointrapriżi, li huma partikolarment importanti fiż-żona tal-euro għall-iżvilupp tal-ħolqien tax-xogħol u tal-innovazzjoni fl-intraprenditorija, filwaqt li jaqdu rwol vitali fit-tiswir tal-ekonomija. Jenħtieġ li l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni jnaqqsu l-piżijiet regolatorji għall-intrapriżi ta' dan id-daqs. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għal entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jippromwovu l-interess pubbliku u jservu għall-ġid pubbliku li jwettqu varjetà ta' għanijiet ta' interess għas-soċjetà, inklużi l-ekwità, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem. Għall-mikrointrapriżi u għall-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, l-akkwist tal-infrastruttura meħtieġa u l-kostijiet ta' aċċettazzjoni jkunu sproporzjonati. Għalhekk, jenħtieġ li dawn ikunu eżentati mill-obbligu li jaċċettaw pagamenti bl-euro diġitali. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li jibqgħu disponibbli mezzi oħrajn għas-saldu tad-djun monetarji. Madankollu, jenħtieġ li l-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jaċċettaw	(18) ***L-eċċezzjonijiet u l-limiti għall-aċċettazzjoni obbligatorja jistgħu jseħħu biss f'konformità stretta mal-prinċipju tal-proporzjonalità.*** Peress li l-euro diġitali tirrikjedi l-kapaċità li jiġu aċċettati mezzi ta' pagament diġitali, l-impożizzjoni ta' obbligu ta' aċċettazzjoni obbligatorja ta' pagamenti f'euro diġitali fuq il-prendituri kollha tista' ***f'xi każijiet*** tkun sproporzjonata. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali għal persuni fiżiċi li jaġixxu waqt attività purament personali jew domestika. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għall-mikrointrapriżi, li huma partikolarment importanti fiż-żona tal-euro għall-iżvilupp tal-ħolqien tax-xogħol u tal-innovazzjoni fl-intraprenditorija, filwaqt li jaqdu rwol vitali fit-tiswir tal-ekonomija. Jenħtieġ li l-politiki u l-azzjonijiet tal-Unjoni jnaqqsu l-piżijiet regolatorji għall-intrapriżi ta' dan id-daqs. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet għall-aċċettazzjoni obbligatorja għal entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ li jippromwovu l-interess pubbliku u jservu għall-ġid pubbliku li jwettqu varjetà ta' għanijiet ta' interess għas-soċjetà, inklużi l-ekwità, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem. Għall-mikrointrapriżi u għall-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, l-akkwist tal-infrastruttura meħtieġa u l-kostijiet ta' aċċettazzjoni jkunu sproporzjonati. Għalhekk, jenħtieġ li dawn ikunu eżentati mill-obbligu li jaċċettaw pagamenti bl-euro diġitali. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li jibqgħu disponibbli mezzi oħrajn għas-

mezzi diġitali komparabbli ta’ pagament mingħand pagaturi jkunu soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali. Jenħtieġ li l-mezzi diġitali komparabbli ta’ pagament jinkludu pagament bil-karta tad-debitu jew pagament istantanju jew soluzzjonijiet teknoloġiċi futuri oħrajn użati fil-punt ta’ interazzjoni, iżda jenħtieġ li jeskludu t-trasferiment ta’ kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta’ interazzjoni. Il-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta’ qligħ li ma jaċċettawx mezzi diġitali ***komparabbli*** ta’ ħlas mingħand il-pagaturi tagħhom fis-saldu ta’ dejn (eż. jaċċettaw biss karti tal-flus u muniti tal-euro)***, iżda jistgħu jużaw pagamenti diġitali fis-saldu ta’ dejn lill-prendituri tagħhom (eż. iħallsu bi trasferimenti ta’ kreditu),*** jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja ta’ pagamenti bl-euro diġitali. Fl-aħħar nett, prenditur jista’ jirrifjuta wkoll pagament bl-euro diġitali jekk ir-rifjut isir bona fide u jekk il-prenditur jiġġustifika r-rifjut għal raġunijiet leġittimi u temporanji, proporzjonati għal ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tiegħu, li jwasslu għal impossibbiltà li jaċċetta pagamenti bl-euro diġitali fiż-żmien rilevanti tat-tranżazzjoni, bħal qtugħ fil-provvista tad-dawl fil-każ ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagamenti online bl-euro diġitali, jew apparat difettuż fil-każ ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagamenti offline jew online bl-euro diġitali.	saldu tad-djun monetarji. Madankollu, jenħtieġ li l-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta’ qligħ li jaċċettaw mezzi diġitali komparabbli ta’ pagament mingħand pagaturi jkunu soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja tal-pagamenti bl-euro diġitali. Jenħtieġ li l-mezzi diġitali komparabbli ta’ pagament jinkludu pagament bil-karta tad-debitu jew pagament istantanju jew soluzzjonijiet teknoloġiċi futuri oħrajn użati fil-punt ta’ interazzjoni, iżda jenħtieġ li jeskludu t-trasferiment ta’ kreditu u d-debitu dirett li ma jinbdewx fil-punt ta’ interazzjoni. Il-mikrointrapriżi u l-entitajiet legali mingħajr skop ta’ qligħ li ma jaċċettawx mezzi diġitali ta’ ħlas mingħand il-pagaturi tagħhom fis-saldu ta’ dejn (eż. jaċċettaw biss karti tal-flus u muniti tal-euro) jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-aċċettazzjoni obbligatorja ta’ pagamenti bl-euro diġitali. Fl-aħħar nett, prenditur jista’ jirrifjuta wkoll pagament bl-euro diġitali jekk ir-rifjut isir bona fide u jekk il-prenditur jiġġustifika r-rifjut għal raġunijiet leġittimi u temporanji, proporzjonati għal ċirkostanzi konkreti lil hinn mill-kontroll tiegħu, li jwasslu għal impossibbiltà li jaċċetta pagamenti bl-euro diġitali fiż-żmien rilevanti tat-tranżazzjoni, bħal qtugħ fil-provvista tad-dawl fil-każ ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagamenti online bl-euro diġitali, jew apparat difettuż fil-każ ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagamenti offline jew online bl-euro diġitali.

Or. en

Emenda 396
Pasquale Tridico
f’isem il-Grupp The Left
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom l-għażla li jużaw l-euro diġitali online jew offline, jew it-tnejn, soġġetti għal-limiti stabbiliti rispettivament mill-Bank Ċentrali Ewropew u minn att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirreġistraw u jneħħu mir-reġistru l-apparati għall-ħżin lokali għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali tal-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaħżnu biss l-identifikatur tal-apparat għall-ħżin lokali użat għall-euro diġitali offline għad-durata tal-iffaċilitar tal-provvista ta' euro diġitali offline lill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell li jiżguraw li l-identifikatur tal-apparat tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma jkunx jista' jintuża għal skopijiet oħrajn għajr għall-fini tal-forniment tal-euro diġitali offline.	***imħassar***

Or. en

Emenda 442
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom l-għażla li jużaw l-euro diġitali online jew offline, jew it-tnejn, soġġetti għal-limiti stabbiliti rispettivament mill-Bank Ċentrali Ewropew u minn att ***ta' implimentazzjoni*** tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirreġistraw u jneħħu mir-reġistru l-apparati għall-ħżin lokali għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-	(34) Jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkollhom l-għażla li jużaw l-euro diġitali online jew offline, jew it-tnejn, soġġetti għal-limiti stabbiliti rispettivament mill-Bank Ċentrali Ewropew u minn att ***delegat*** tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirreġistraw u jneħħu mir-reġistru l-apparati għall-ħżin lokali għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali tal-klijenti tagħhom.

euro diġitali tal-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaħżnu biss l-identifikatur tal-apparat għall-ħżin lokali użat għall-euro diġitali offline għad-durata tal-iffaċilitar tal-provvista ta' euro diġitali offline lill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inkluži miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell li jiżguraw li l-identifikatur tal-apparat tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma jkunx jista' jintuża għal skopijiet oħrajn għajr għall-fini tal-forniment tal-euro diġitali offline.	Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaħżnu biss l-identifikatur tal-apparat għall-ħżin lokali użat għall-euro diġitali offline għad-durata tal-iffaċilitar tal-provvista ta' euro diġitali offline lill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inkluži miżuri ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza tal-ogħla livell li jiżguraw li l-identifikatur tal-apparat tal-utenti individwali tal-euro diġitali ma jkunx jista' jintuża għal skopijiet oħrajn għajr għall-fini tal-forniment tal-euro diġitali offline.

Or. en

Emenda 443
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Sabiex jiġu pprovduti ċarezza u prevedibbiltà għat-tħejjija u t-tnedija tal-euro diġitali, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu fuq l-ammonti miżmumin individwali inizjali ta' EUR 5 000 għal kull persuna. Dak il-limitu jista' jiġi aġġustat maż-żmien sabiex jirrifletti l-iżviluppi fil-livell tal-prezz fl-Unjoni, kif imkejjel bl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP), abbażi tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li japplika dawk ir-regoli billi jikkalkula u jippubblika l-ammont li jirriżulta u, meta l-applikazzjoni tagħhom ma timplikax bidla fil-limitu, jenħtieġ li jħalli l-limitu fuq l-ammonti miżmumin kif inhu. Meta żieda akbar fil-limitu titqies meħtieġa abbażi ta' analiżijiet ipprovduti mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-Kummissjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea

jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex iżżid il-limitu lil hinn mill-aġġustament li jirrifletti l-iżviluppi fl-HICP. Kwalunkwe tali limitu ogħla jenħtieġ li japplika biss għal perjodu ta' sentejn sakemm ma jerġax jiġi kkonfermat fl-istess proċedura.

Or. en

Emenda 444
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jirreġistraw u jerġgħu jirreġistraw l-apparati għall-ħżin lokali għat-tranżazzjonijiet ta' pagament offline bl-euro diġitali tal-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jaħżnu biss l-identifikatur tal-apparat għall-ħżin lokali użat għall-euro diġitali offline għad-durata tal-iffaċilitar tal-provvista ta' euro diġitali offline lill-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa inklużi miżuri avvanzati ta' sigurtà u ta' preservazzjoni tal-privatezza sabiex jiżguraw li l-identifikatur tal-apparat ta' utenti diġitali individwali tal-euro ma jkunx jista' jitqabbel mal-informazzjoni dwar l-utent tal-euro diġitali sabiex jiġi identifikat is-suġġett tad-data, ħlief għall-finijiet tal-Artikolu 37.	***imħassar***

Or. en

Emenda 445
Gunnar Beck, Nicolaus Fest

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) ***Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel. Kwalunkwe strument li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' juża sabiex jillimita l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi*** awtomatizzati li ***jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro*** diġitali ***ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali anki jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni ("funzjonalità f'kaskata inversa"). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ("funzjonalità f'kaskata"). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta' pagament bħal dawn jiġu awtorizzati b'mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta' servizzi ta' pagament wieħed ikun assoċjat ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta' servizz ta' pagament, jenħtieġ li**	(36) Mekkaniżmi awtomatizzati li ***jimmobilizzaw fondi minn kontijiet ta' pagamenti mhux tal-euro diġitali assoċjati ma għandhomx ikunu permessi. Il-finanzjament u d-definanzjament tal-kontijiet tal-euro*** diġitali ***għandhom dejjem jirrikjedu azzjoni espliċita, separata u manwali mibdija mill-utent***.

dawn jidħlu f'arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta' sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta' servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 446
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor, Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel. Kwalunkwe strument li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' juża sabiex jillimita l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***anki*** jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni ("funzjonalità f'kaskata inversa"). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu	(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel ***u jipprovdi kontinwità tal-pagamenti anke f'ċirkostanzi meta l-euro diġitali ma jkunx disponibbli billi jiżgura d-disponibbiltà kontinwa tat-tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali offline***. Kwalunkwe strument li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' juża sabiex jillimita l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament ***online*** bl-euro diġitali ***anke*** jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta'

jirċievu tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali (“funzjonalità f’kaskata”). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta’ pagament bħal dawn ***jiġu*** awtorizzati b’mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. ***Meta kont*** ta’ pagament bl-euro diġitali ***miżmum minn fornitur ta’ servizzi ta’ pagament wieħed ikun assoċjat ma’ kont*** ta’ pagament tal-euro mhux diġitali ***miżmum minn fornitur ieħor ta’ servizz ta’ pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f’arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta’ sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta’ servizzi*** ta’ pagament.	pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni (“funzjonalità f’kaskata inversa”). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali ***online*** jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali (“funzjonalità f’kaskata”). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta’ pagament bħal dawn ***japplikaw biss meta jkunu ġew*** awtorizzati b’mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. ***In-negozjanti u l-persuni li jaħdmu għal rashom, meta jaġixxu bħala prendituri fi tranżazzjonijiet*** ta’ pagament bl-euro diġitali***, jistgħu jakkumulaw ammonti miżmumin ta’ pagamenti bl-euro diġitali li jkunu deħlin matul kull jum tan-negozju bi trasferiment wieħed ta’ fondi għall-kont*** ta’ pagament tal-euro mhux diġitali ***(“funzjonalità f’kaskata”) sa tmiem il-jum tan-negozju, b’mod simili kif il-ħwienet fiżiċi jbattlu l-cash register tagħhom. F’ċirkostanzi eċċezzjonali, meta l-kont*** ta’ pagament ***tal-euro mhux diġitali ma jkunx disponibbli mil-lat operazzjonali, il-frekwenza ta’ dan it-trasferiment ta’ fondi jista’ jkollha bżonn tiġi estiża lil hinn minn tmiem il-jum tan-negozju sabiex jiġi ffaċilitat li dawn in-negozjanti u l-persuni li jaħdmu għal rashom ikunu jistgħu jkomplu jirċievu pagamenti bl-euro diġitali***.
	Or. en

Emenda 447
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel. Kwalunkwe strument li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' juża sabiex jillimita l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***anki*** jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni ("funzjonalità f'kaskata inversa"). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ("funzjonalità f'kaskata"). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta' pagament bħal dawn jiġu awtorizzati b'mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta' servizzi ta' pagament wieħed ikun assoċjat ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta' servizz ta' pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f'arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data,	(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel ***u jipprovdi kontinwità tal-pagamenti anke f'ċirkostanzi meta l-euro diġitali ma jkunx disponibbli billi jiżgura d-disponibbiltà kontinwa tal-pagamenti offline***. Kwalunkwe strument li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' juża sabiex jillimita l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***anke*** jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni ("funzjonalità f'kaskata inversa"). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ("funzjonalità f'kaskata"). ***Jekk il-kont tal-euro mhux diġitali ta' persuna fiżika ma jkunx disponibbli mil-lat operazzjonali, il-pagamenti bl-euro diġitali li jkunu deħlin li jaqbżu l-limitu fuq l-ammonti miżmumin se jiġu ttrasferiti awtomatikament malli l-kont tal-euro mhux diġitali jsir disponibbli.***

kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta' sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta' servizzi ta' pagament.	Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta' pagament bħal dawn jiġu awtorizzati b'mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. ***In-negozjanti u l-persuni li jaħdmu għal rashom li tipikament jaġixxu bħala prendituri fi tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali jistgħu jakkumulaw ammonti miżmumin ta' pagamenti bl-euro diġitali li jkunu deħlin matul il-jum tan-negozju bi trasferiment wieħed ta' fondi għall-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ("funzjonalità f'kaskata") fi tmiem il-jum tan-negozju, b'mod simili kif il-ħwienet fiżiċi jbattlu l-cash register tagħhom. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta l-kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ma jkunx disponibbli mil-lat operazzjonali, il-frekwenza ta' dan it-trasferiment ta' fondi jista' jkollha bżonn tiġi estiża lil hinn minn tmiem il-jum tan-negozju sabiex jiġi ffaċilitat li dawn in-negozjanti u l-persuni li jaħdmu għal rashom ikunu jistgħu jkomplu jirċievu pagamenti bl-euro diġitali***. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta' servizzi ta' pagament wieħed ikun assoċjat ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta' servizz ta' pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f'arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta' sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta' servizzi ta' pagament.
	Or. en

Emenda 448
Jussi Saramo

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel. Kwalunkwe strument li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' juża sabiex jillimita l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***anki*** jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni ("funzjonalità f'kaskata inversa"). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ("funzjonalità f'kaskata"). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta' pagament bħal dawn jiġu awtorizzati b'mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta' servizzi ta' pagament wieħed ikun assoċjat ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta' servizz ta' pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f'arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta' sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni

(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel ***u jiżgura li l-pagamenti xorta jistgħu jsiru meta l-euro diġitali online ma jkunx disponibbli, billi jippermettu disponibbiltà ta' pagamenti offline mingħajr interruzzjoni***. Kwalunkwe strument li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' juża sabiex jillimita l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***anke*** jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni ("funzjonalità f'kaskata inversa"). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ("funzjonalità f'kaskata"). ***Jekk il-kont tal-euro mhux diġitali ma jkunx disponibbli temporanjament minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, kwalunkwe pagament bl-euro diġitali li jaqbeż il-limitu fuq l-ammonti miżmumin se jiġi ttrasferit immedjatament meta l-kont jerġa' jsir disponibbli.*** Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta' pagament bħal dawn

sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta' servizzi ta' pagament.	jiġu awtorizzati b'mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. ***Matul il-jum tan-negozju, in-negozjanti u l-utenti tal-euro diġitali li jaħdmu għal rashom jistgħu jiġbru pagamenti bl-euro diġitali u jittrasferuhom fil-kont bankarju tal-euro mhux diġitali tagħhom fi tmiem il-jum tan-negozju. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, u biex tiġi żgurata aċċettazzjoni tal-pagamenti mingħajr interruzzjoni, din il-frekwenza tat-trasferiment jista' jkollha bżonn tiżdied***. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta' servizzi ta' pagament wieħed ikun assoċjat ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta' servizz ta' pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f'arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta' sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta' servizzi ta' pagament.
	Or. en

Emenda 449
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel. ***Kwalunkwe strument li l-Bank Ċentrali Ewropew jista' juża sabiex jillimita l-funzjoni*** tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li ***jqis*** dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu	(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel. ***Il-limiti għall-funzjoni*** tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li ***jqisu*** dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-

eżegwiti b’suċċess fil-preżenza ta’ limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta’ pagament bl-euro diġitali ***anki*** jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni (“funzjonalità f’kaskata inversa”). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali (“funzjonalità f’kaskata”). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta’ pagament bħal dawn jiġu awtorizzati b’mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. Meta kont ta’ pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta’ servizzi ta’ pagament wieħed ikun assoċjat ma’ kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta’ servizz ta’ pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f’arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta’ sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta’ servizzi ta’ pagament.

ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta’ pagament bl-euro diġitali ***anke*** jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni (“funzjonalità f’kaskata inversa”). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali (“funzjonalità f’kaskata”). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta’ pagament bħal dawn jiġu awtorizzati b’mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. Meta kont ta’ pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta’ servizzi ta’ pagament wieħed ikun assoċjat ma’ kont ta’ pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta’ servizz ta’ pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f’arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta’ sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta’ servizzi ta’ pagament.

Or. en

Emenda 450
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel. Kwalunkwe strument li ***l-Bank Ċentrali Ewropew*** jista' juża sabiex jillimita l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***anki*** jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni ("funzjonalità f'kaskata inversa"). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ("funzjonalità f'kaskata"). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta' pagament bħal dawn jiġu awtorizzati b'mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta' servizzi ta' pagament wieħed ikun assoċjat ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta' servizz ta' pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f'arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom	(36) Jenħtieġ li l-euro diġitali jippermetti esperjenza ta' pagament mingħajr xkiel. Kwalunkwe strument li ***l-Kunsill*** jista' juża sabiex jillimita l-funzjoni tal-ħżin tal-valur tal-euro diġitali jenħtieġ li jqis dan l-objettiv. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi awtomatizzati li jassoċjaw kont ta' pagament bl-euro diġitali ma' kont ta' pagament mhux bl-euro diġitali jippermettu funzjonalità ta' pagament mhux inibita tal-euro diġitali, billi jiġi żgurat li t-tranżazzjonijiet jiġu eżegwiti b'suċċess fil-preżenza ta' limiti fuq l-ammonti individwali miżmumin tal-euro diġitali li jistgħu jsiru vinkolanti fuq il-pagatur jew fuq il-prenditur. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jibdew tranżazzjoni ta' pagament bl-euro diġitali ***anke*** jekk l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom ikunu inferjuri għall-ammont tat-tranżazzjoni, billi jimmobilizzaw awtomatikament fondi minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali sabiex jikkomplementaw l-ammont tat-tranżazzjoni ("funzjonalità f'kaskata inversa"). Min-naħa l-oħra, jenħtieġ li l-utenti tal-euro diġitali jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minkejja li l-ammont tat-tranżazzjoni jaqbeż il-limitu stabbilit fl-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, billi jittrasferixxu awtomatikament fondi li jaqbżu l-limitu għal kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali ("funzjonalità f'kaskata"). Jenħtieġ li funzjonalitajiet ta' pagament bħal dawn jiġu awtorizzati b'mod espliċitu mill-utenti tal-euro diġitali. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum minn fornitur ta' servizzi ta' pagament wieħed ikun assoċjat ma' kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ieħor ta' servizz ta' pagament, jenħtieġ li dawn jidħlu f'arranġament li jispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom

skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta' sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta' servizzi ta' pagament.	skont ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta' sigurtà neċessarji sabiex tiġi żgurata trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ fornituri ta' servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 451
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet skont [Daħħal PSD3 u PSR] jenħtieġ li jipprovdu servizzi ta' finanzjament u definanzjament lill-klijenti tagħhom - li jinkludi l-każ meta l-klijent ikun l-utent tal-euro diġitali jew istituzzjoni ta' pagament li l-utent tal-euro diġitali għandu kont magħha, irrispettivament mill-kapaċità tagħhom li jipprovdu s-sors tal-likwidità għal dawk il-fondi f'bażi monetarja. Dawn is-servizzi jenħtieġ li jiġu offruti mingħajr ħlas għall-konsumaturi. B'kuntrast, jenħtieġ li ma jkunx obbligatorju li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jappoġġaw il-finanzjament u d-definanzjament ta' kont ta' pagament bl-euro diġitali minn kont ta' pagament tal-euro mhux diġitali miżmum ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament differenti. Meta kont ta' pagament bl-euro diġitali ta' persuna fiżika miżmum minn fornitur ta' servizzi ta' pagament jiġi assoċjat ma' kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali miżmum minn fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor, huwa jenħtieġ li jidħol f'arranġament li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet biex jiġu ffaċilitati l-funzjonalitajiet ta' finanzjament u definanzjament ipprovduti mill-fornitur

ta' servizzi ta' pagament l għandu l-kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali. Jekk fornitur ta' servizzi ta' pagament li jipprovdi kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali jiddeċiedi li jippermetti l-funzjonalitajiet ta' finanzjament u definanzjament billi jassoċja l-kont ta' pagament bl-euro mhux diġitali ma' kont ta' pagament bl-euro diġitali miżmum ma' fornitur ta' servizzi ta' pagament ieħor, il-funzjonalitajiet ta' finanzjament manwali u awtomatizzati kollha u definanzjament jenħtieġ li jiġu offruti mingħajr ħlas lill-konsumaturi. Barra minn hekk, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li jispeċifikaw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom skont regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll jaqblu dwar il-miżuri ta' sigurtà meħtieġa biex tiġi żgurata t-trażmissjoni sigura tad-data personali bejn iż-żewġ forniturі ta' servizzi ta' pagament. Għal dan l-għan, fuq talba tal-klijenti tagħhom, bil-ħsieb li jwettqu b'suċċess servizzi ta' finanzjament u ta' definanzjament, il-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet u li għandhom kont fil-bank ċentrali jenħtieġ li jipprovdu lill-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet li ma jitħallewx ikollhom kont fil-bank ċentrali b'aċċess għas-sistemi ta' pagament, u bl-istess mod jenħtieġ li jgħaddu mill-infrastruttura ta' saldu l-ordnijiet ta' trasferiment tal-forniturі ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu l-kontijiet li ma jitħallewx ikollhom kont fil-bank ċentrali, b'mod oġġettiv, proporzjonat u mhux diskriminatorju. Minħabba l-inċertezza dwar l-iżviluppi futuri tas-suq, dan il-qafas jenħtieġ li jiġi rieżaminat sena wara l-ewwel ħruġ tal-euro diġitali, imbagħad kull 3 snin. Fir-rieżami tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta, fost l-oħrajn, il-livell ta' distribuzzjoni tal-euro diġitali, l-għadd u l-kategoriji ta' forniturі ta' servizzi ta' pagament li jiddistribwixxu l-euro diġitali, id-disparitajiet fil-livelli ta' distribuzzjoni bejn l-Istati Membri, id-

diffikultajiet li jiffaċċjaw il-konsumaturi meta jiftħu kont tal-euro diġitali, kif ukoll jirrieżaminaw jekk l-approċċ għall-finanzjament miftuħ u d-definazjament għadux jiżgura bilanċ xieraq bejn il-kapaċità tal-użu, il-kompetizzjoni u l-awtonomija strateġika. Meta jkun xieraq, ir-rapport tal-Kummissjoni jista' jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.

Or. en

Emenda 452
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-pagamenti bl-euro diġitali f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal diżastri naturali, inċidenti taċ-ċibersigurtà kbar jew avvenimenti oħra ta' impatt komparabbli, u biex tiġi sfruttata r-reżiljenza tal-euro diġitali għall-benefiċċju li tiġi żgurata l-kontinwità tal-pagamenti, huwa xieraq li jiġu previsti miżuri li jkollhom l-għan li jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-pagamenti bl-euro diġitali. Dawn il-miżuri, li jikkonsistu mill-possibbiltà li jiżdiedu l-limiti offline, jattivaw il-qlib ta' emerġenza u jsaħħu d-distribuzzjoni tal-euro diġitali. Dawn jistgħu jiġu adottati biss meta riskji kredibbli u sostanzjali ta' tfixkil għall-kontinwità tal-pagamenti diġitali, inklużi l-pagamenti bl-euro diġitali, ikunu qed jikbru għal livell fejn ikunu meħtieġa azzjonijiet jew meta jkun hemm diġà tfixkil mifrux u sever, kemm jekk jaffettwa, kompletament jew parzjalment, Stat Membru wieħed jew aktar taż-żona tal-euro jew iż-żona tal-euro kollha kemm hi. L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jivvalutaw

jekk tipprevalix sitwazzjoni ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u jikkomunikawha. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-proċeduri nazzjonali li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu għall-fini li jitolbu l-adozzjoni tal-miżuri li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-pagamenti bl-euro diġitali, għall-proċeduri skont id-dritt nazzjonali biex jiġu ddikjarati emerġenzi nazzjonali, jew għas-setgħa tagħhom li jadottaw miżuri oħra rigward il-kontinwità tal-pagamenti fl-isfera ta' kompetenza tagħhom.

Or. en

Emenda 453
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 36b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36b) Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà, is-sistemi ta' pagament, u l-euro, u biex jiġi appoġġat f'ċirkostanzi eċċezzjonali, iż-żewġ użi tal-euro diġitali - online u offline, iridu jitnedew malajr kemm jista' jkun malli jsiru disponibbli. Il-BĊE jenħtieġ li jagħmel ħiltu biex jagħmel il-preparazzjonijiet adegwati kollha malajr kemm jista' jkun biex jippreżenta kemm l-użu online kif ukoll dak offline. Madankollu, jekk waħda mill-modalitajiet, jiġifieri online jew offline, tkun lesta, jenħtieġ li titnieda, irrispettivament mill-oħra, malajr kemm jista' jkun ħalli jkun jista' jsir taħriġ taċ-ċittadini u dawn jiffamiljarizzaw irwieħhom mal-użi possibbli tal-euro diġitali.

Or. en

Emenda 454
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 36c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36c) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiżdiedu temporanjament il-limiti ta' tranżazzjoni tal-pagament bl-euro diġitali offline u l-limiti fuq l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali offline applikabbli. Dawn il-limiti jenħtieġ li fi kwalunkwe każ jirrispettaw il-limiti għall-użu tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur li huma stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 16. Talba ta' emerġenza trid tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Bank Ċentrali Nazzjonali tal-Istat Membru u lill-BĊE. Fit-talba tiegħu, Stat Membru jista' jindika jekk iż-żieda temporanja jenħtieġx li tapplika għal utenti individwali, utenti kummerċjali jew għat-tnejn fil-ġuriżdizzjoni tiegħu. B'deroga mill-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, l-adozzjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jenħtieġ li tippermetti attivazzjoni rapida. L-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jenħtieġ li jippermetti emendi sussegwenti, inklużi aġġustamenti għall-iskeda ta' żmien tiegħu, il-ġuriżdizzjonijiet affettwati u l-limiti applikabbli, hekk kif jevolvu ċ-ċirkostanzi.

Or. en

Emenda 455
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 36d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36d) Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-kontinwità operazzjonali tal-pagamenti bl-euro diġitali f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biex jiġi żgurat aċċess tal-utenti mingħajr interruzzjoni għall-ammonti miżmumin tal-euro diġitali tagħhom, huwa xieraq li jkun jista' jsir qlib ta' emerġenza. Tali qlib ta' emerġenza jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-Bank Ċentrali Ewropew jew mill-bank ċentrali nazzjonali rilevanti, wara talba motivata mill-Istat Membru konċernat. Għal dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu jaħtru fornituri jew entitajiet ta' servizzi ta' pagament, li jinsabu fit-territorju nazzjonali tagħhom jew fi Stat Membru ieħor, bħala sistema ta' riżerva biex tappoġġa l-forniment temporanju ta' servizzi obbligatorji ta' pagament u ta' akkwist bl-euro diġitali. Sabiex ikunu jistgħu jipprovdu dawn is-servizzi temporanji, l-entitajiet jenħtieġ li jipparteċipaw fl-iskema tal-euro diġitali u jkunu implimentaw il-miżuri preparatorji meħtieġa. Dawn l-entitajiet jistgħu jisfruttaw is-sistemi ta' riżervi nazzjonali eżistenti biex jippromwovu l-effiċjenza operazzjonali u jevitaw piż amministrattiv mhux meħtieġ. Il-qlib ta' emerġenza jenħtieġ li jkun strettament limitat fiż-żmien u jenħtieġ li japplika biss dment li jkun iġġustifikat fid-dawl tal-ilhuq tal-objettivi rilevanti f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Is-sistemi nazzjonali ta' riżerva ta' emerġenza jenħtieġ li jkunu inklużivi u aċċessibbli għall-utenti kollha tal-euro diġitali li jiġu affettwati realment jew potenzjalment mill-emerġenza, irrispettivament minn jekk hux qed jużaw il-PSPs mill-Istati Membri affettwati.

Or. en

Emenda 456
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 36e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36e) Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-kontinwità tal-funzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali u biex jiġi protett l-aċċess tal-utenti għal ammonti miżmumin tal-euro diġitali, l-Istati Membri jistgħu jaħtru awtoritajiet jew entitajiet oħra biex jipprovdu servizzi u strumenti ta' pagament bl-euro diġitali temporanji lill-utenti tal-euro diġitali f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Dawn l-awtoritajiet jew l-entitajiet jistgħu jkunu l-istess bħall-entitajiet speċifiċi maħtura għad-distribuzzjoni tal-euro diġitali fil-qafas tal-Artikolu 14(3), iżda jistgħu wkoll ikunu awtoritajiet pubbliċi ġenerali. L-awtoritajiet jew l-entitajiet maħtura għandhom l-obbligu li jipprovdu servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil dawn il-konsumaturi kif ukoll l-appoġġ xieraq. Dan jiżgura aċċess għal servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil gruppi vulnerabbli. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, dawn l-awtoritajiet jew entitajiet jistgħu jingħataw mandat biex iservu firxa usa' ta' utenti, inkluż utenti li għadhom mhumiex klijenti tagħhom. Sabiex ikunu jistgħu jipprovdu dawn is-servizzi, dawn l-awtoritajiet jew entitajiet oħra jenħtieġ li jkunu membri tal-iskema tal-euro diġitali u jkunu implimentaw il-miżuri preparatorji meħtieġa. Sabiex tiġi pprovduta gwida dwar il-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli li l-awtoritajiet jew entitajiet oħra maħtura mill-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom stabbiliti f'ċirkostanzi eċċezzjonali biex jibbilanċjaw il-ħtieġa ta' aċċess wiesa' għall-euro diġitali ma' miżuri tal-AML/CFT robusti, l-EBA u l-AMLA jenħtieġ li joħorġu linji gwida.

Or. en

Emenda 457
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Filwaqt li l-istrumenti użati mill-Bank Ċentrali Ewropew sabiex jillimitaw l-użu eċċessiv tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u l-intermedjazzjoni finanzjarja, dawn xorta waħda jista' jkollhom impatt fuq il-pożizzjoni tal-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew u jinteraġixxu magħha. Għalhekk, dawn l-istrumenti jkollhom jiġu applikati b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha sabiex jiġu żgurati l-użu tal-euro diġitali bħala munita unika u l-uniċità tal-politika monetarja. Barra minn hekk, tkun neċessarja applikazzjoni uniformi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-forniturі ta' servizzi ta' pagament fis-suq uniku Ewropew jew jiġi evitat infurzar kumpless wisq ta' kwalunkwe strument permezz ta' forniturі ta' servizzi ta' pagament fuq il-bażi tar-residenza tal-utenti tal-euro diġitali. ***Fil-qafas ta' dan ir-Regolament***, ***jenħtieġ li*** l-euro diġitali ***ma jġorrx*** interessi ***għall-finijiet tal-użu primarjament*** tal-euro diġitali bħala ***mezz ta' pagament filwaqt li jillimita l-użu tiegħu bħala*** maħżen tal-valur.	(37) Filwaqt li l-istrumenti użati mill-Bank Ċentrali Ewropew sabiex jillimitaw l-użu eċċessiv tal-euro diġitali bħala maħżen tal-valur għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u l-intermedjazzjoni finanzjarja, dawn xorta waħda jista' jkollhom impatt fuq il-pożizzjoni tal-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew u jinteraġixxu magħha. Għalhekk, dawn l-istrumenti jkollhom jiġu applikati b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha sabiex jiġu żgurati l-użu tal-euro diġitali bħala munita unika u l-uniċità tal-politika monetarja. Barra minn hekk, tkun neċessarja applikazzjoni uniformi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-forniturі ta' servizzi ta' pagament fis-suq uniku Ewropew jew jiġi evitat infurzar kumpless wisq ta' kwalunkwe strument permezz ta' forniturі ta' servizzi ta' pagament fuq il-bażi tar-residenza tal-utenti tal-euro diġitali. ***Fid-dawl tar-responsabbiltà tal-Bank Ċentrali Ewropew għad-definizzjoni, it-twettiq u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja skont l-Artikoli 127 u 128 tat-TFUE u l-Istat proprju tiegħu,*** l-euro diġitali ***jista' jġorr*** interessi***. Id-determinazzjoni u l-aġġustament ta' kwalunkwe rata tal-imgħax għandhom jiġu eżerċitati mill-Bank Ċentrali Ewropew f'konformità mal-mandat tiegħu, sabiex tiġi appoġġata t-trażmissjoni effettiva tal-politika monetarja u sabiex jiġu ssalvagwardjati l-faċilità ta' użu u l-attraenza*** tal-euro diġitali ***fir-rigward ta' mezzi ta' pagamenti diġitali oħra jew strumenti ta'*** maħżen tal-valur***, li jistgħu jheddu s-sovranità monetarja u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja***.

Or. en

Emenda 458
Jonás Fernández, Aurore Lalucq, Carla Tavares, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma, César Luena, Costas Mavrides, Lara Wolters

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
medju rappreżentattiv imġarrab mill-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament madwar iż-żona tal-euro u, għalhekk, jenħtieġ li jkun f’pożizzjoni li jiġbor id-data rilevanti mingħand il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament. Il-kostijiet rilevanti għall-forniment ta’ servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kostijiet imġarrbin minn grupp rappreżentattiv tal-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament l-aktar effiċjenti f’sena partikolari. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri jkunu responsabbli biex jiżguraw il-konformità mill-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament ma’ dawn it-tariffi jew l-imposti massimi.	Ċentrali Ewropew juża stima tal-kost medju rappreżentattiv imġarrab mill-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament madwar iż-żona tal-euro u, għalhekk, jenħtieġ li jkun f’pożizzjoni li jiġbor id-data rilevanti mingħand il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament. Il-kostijiet rilevanti għall-forniment ta’ servizzi ta’ pagament bl-euro diġitali fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagament bl-euro diġitali jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kostijiet imġarrbin minn grupp rappreżentattiv tal-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament l-aktar effiċjenti f’sena partikolari. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri jkunu responsabbli biex jiżguraw il-konformità mill-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament ma’ dawn it-tariffi jew l-imposti massimi.

Or. en

Emenda 479
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43a) L-infrastruttura tal-pagamenti pubbliċi se tnaqqas l-ostakli għad-dħul taż-żewġ banek u tas-settur fintech Ewropew u tista’ tippermetti l-innovazzjoni u taċċellera d-diġitalizzazzjoni tas-settur finanzjarju Ewropew. Fl-istess waqt, l-aċċettazzjoni obbligatorja għandha l-esternalità pożittiva li tipprovdi skala rapida u effetti tan-network, li se jippermettu l-mudell kummerċjali u l-innovazzjoni tas-servizz. Il-pagamenti bl-imnut moderni jiddependu ħafna minn infrastruttura diġitali sigura, reżiljenti u transfruntiera, bħal cloud, ċentri tad-data u networks ta’ pagamenti istantanji. Fil-każ tal-

pagamenti, infrastruttura affidabbli u pubblika tista' tippermetti l-iżvilupp ulterjuri ta' ekosistema tal-pagamenti robusta, sovrana u skalabbli. Ir-rapport Draghi jitlob li l-infrastruttura diġitali tiġi ġestita bħall-beni pubbliċi, speċjalment meta l-investiment privat jonqos milli jiżgura l-kopertura, l-iskala jew is-sigurtà strateġika. Ir-rapport jirrakkomanda investiment koordinat u fil-livell tal-UE u l-ippjanar bħala ben pubbliku strateġiku. L-investiment pubbliku fl-infrastruttura għall-proġett tal-euro diġitali, se jirriżulta fi ffrankar konsiderevoli tal-kostijiet u ekonomiji ta' skala u ambitu, f'kostijiet ta' pproċessar tal-pagamenti għall-kumpaniji kollha fis-settur tal-pagamenti.

Or. en

Emenda 480
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43a) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel u ekonomikament sostenibbli lejn l-użu tal-euro diġitali fil-punt tal-bejgħ, jeħtieġ li tiġi prevista deroga temporanja mir-regoli ġenerali dwar l-imposti għas-servizzi tan-negozjanti u tariffi bejn il-PSPs. Matul perjodu tranżitorju, il-pagamenti bl-euro diġitali ta' valur baxx li jsiru f'punti tal-bejgħ fiżiċi jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal tali tariffi, sabiex tiġi promossa l-adozzjoni bikrija, tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni tan-negozjanti, speċjalment mill-intrapriżi mikro u żgħar, u tiġi appoġġata l-inklużjoni finanzjarja. Minħabba d-diversità tad-drawwiet tal-pagamenti madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa tadotta atti delegati biex tiddetermina l-limitu massimu monetarju li taħtu

	pagament jitqies bħala ta' valur baxx, abbażi tad-data tas-suq, ix-xejriet tal-pagament tal-konsumatur u l-objettiv li tiġi żgurata aċċettazzjoni kosteffiċjenti tal-euro diġitali. L-istabbiliment ta' tali limitu huwa essenzjali biex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali, il-fattibbiltà teknika u l-interoperabbiltà fiż-żona tal-euro.

Or. en

Emenda 481
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 43b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43b) Il-President tal-Kummissjoni, fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni, affermat li l-euro diġitali se jkun ta' benefiċċju kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-konsumaturi. Il-Kummissjoni saħqet li l-pagamenti bl-imnut iridu jkunu effiċjenti, konvenjenti, sikuri, aċċessibbli u affordabbli għall-utenti kollha, inklużi l-konsumaturi vulnerabbli u enfasizzat ir-rekwiżit li l-flus kontanti jibqgħu jiffunzjonaw bħala mezz ta' inklużjoni finanzjarja għall-persuni mingħajr bank, l-anzjani, dawk esklużi mid-dinja diġitali jew il-persuni vulnerabbli.

Or. en

Emenda 482
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 43c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43c) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), fir-Rapport Speċjali tagħha 01/2025: "Pagamenti diġitali fl-UE" ħarġet twissija dwar interventi fil-prezz, bħal limiti massimi fuq it-tariffi, projbizzjonijiet fuq imposti addizzjonali u limiti massimi tal-interkambju. Il-Qorti tosserva li ma hemm l-ebda kriterju ċar fil-qafas legali għall-valutazzjoni meta jkunu ġġustifikati interventi, jew għal kemm żmien jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ. F'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-QEA, il-Kummissjoni jeħtiġilha tiżviluppa mekkaniżmi ta' monitoraġġ robusti u mas-sistema kollha stabbiliti biex tinġabar data dwar l-effetti ekonomiċi u soċjali reali tal-leġiżlazzjoni tagħha dwar il-pagamenti bl-imnut biex tivvaluta l-għanijiet ta' politika, b'referenza partikolari għal kostijiet aktar baxxi, inklużività, kompetittività u benefiċċju tal-konsumatur.

Or. en

Emenda 483
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 43d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43d) Il-forma diġitali tal-euro nnifsu, trid tibqa' aċċessibbli mingħajr ħlas bħalma l-karti tal-flus u l-muniti jinħarġu mingħajr tariffi ta' tranżazzjoni. Struttura mingħajr tariffi għas-servizzi bażiċi tal-euro diġitali timmassimizza l-effiċjenza allokattiva u tiżgura li l-benefiċċji tat-teknoloġija tal-munita diġitali jinfirxu għall-ekonomija usa'. Dan l-approċċ huwa konsistenti mat-trattament ta' infrastrutturi pubbliċi oħra, fejn il-

forniment pubbliku jew ir-regolamentazzjoni tiżgura aċċess b'kost marġinali. Barra minn hekk, euro diġitali mingħajr tariffi jipprevjeni l-frammentazzjoni li tirriżulta minn strutturi tat-tariffi differenti fl-Istati Membri jew fil-forniturи ta' servizzi ta' pagament, u b'hekk isaħħaħ il-munita unika u s-suq uniku. Il-forniturи ta' servizzi ta' pagament se jkomplu jikkompetu billi joffru interfaċċi tal-utent superjuri, integrazzjoni ma' servizzi finanzjarji oħra, karatteristiċi ta' valur miżjud u servizzi speċjalizzati li jistgħu jimponu tariffi kummerċjali għalihom. Billi jistabbilixxi linja bażi mingħajr kostijiet, l-euro diġitali se jirfina l-kompetizzjoni billi jġiegħel lill-forniturи ta' servizzi ta' pagament jikkompetu fil-ħolqien ta' valur ġenwin. Dan se jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi, in-negozjanti u l-ekonomija usa'.

Or. en

Emenda 484
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 43e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43e) Il-prinċipji tal-effiċjenza ekonomika jirrikjedu li l-oġġetti u s-servizzi b'kost marġinali kważi żero jiġu pprezzati b'kost marġinali. It-tranżazzjonijiet ta' pagament diġitali, meta tiġi stabbilita l-infrastruttura, għandhom kostijiet għal kull tranżazzjoni negliġibbli. Jekk jiġu imposti tariffi li jkunu sostanzjalment ogħla mill-kost marġinali, tinħoloq ineffiċjenza ekonomika, jiġi mċaħħad il-ġid mill-attività ekonomika produttiva u jinħolqu

ostakli għall-inklużjoni finanzjarja.

Or. en

Emenda 485
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat użu effettiv tal-euro diġitali, huwa importanti li t-tariffi jew l-imposti ma jkunux ogħla minn dawk mitlubin għal mezzi ta' pagament diġitali privati komparabbli. L-iskemi tal-karti internazzjonali rregolati skont ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] , l-iskemi nazzjonali tal-karti, u l-pagamenti istantanji fil-punt ta' interazzjoni pprovduti mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li jitqiesu bħala mezzi ta' pagament komparabbli.	***imħassar***

[30] Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).

Or. en

Emenda 486
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) ***Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat użu effettiv tal-euro diġitali, huwa importanti li t-tariffi*** jew l-imposti ma jkunux ogħla minn dawk mitlubin għal mezzi ta' pagament diġitali privati komparabbli. L-iskemi tal-karti internazzjonali rregolati skont ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] , l-iskemi nazzjonali tal-karti, u l-pagamenti istantanji fil-punt ta' interazzjoni pprovduti mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li jitqiesu bħala mezzi ta' pagament komparabbli.	(44) ***It-tariffi*** jew l-imposti ***jenħtieġ li*** ma jkunux ogħla minn dawk mitlubin għal mezzi ta' pagament diġitali privati komparabbli. L-iskemi tal-karti internazzjonali rregolati skont ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] , l-iskemi nazzjonali tal-karti, u l-pagamenti istantanji fil-punt ta' interazzjoni pprovduti mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament jenħtieġ li jitqiesu bħala mezzi ta' pagament komparabbli.
[30] Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).	[30] Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).

Or. en

Emenda 487
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Premessa 44a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44a) Il-limiti massimi fuq it-tariffi huma maħsuba biex jipproteġu lill-partijiet ikkonċernati, speċjalment lin-negozjanti, minn marġnijiet ta' profitt mhux raġonevoli li għandhom imnejn jiffaċċjaw. Fl-istess waqt, il-limiti massimi tat-tariffi ma għandhomx jipprevjenu lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament milli japplikaw tariffi xierqa barra mill-perimetru ddeterminat mil-limitu massimu tat-tariffi. B'mod speċjali, il-fornituri ta' servizzi ta' pagament

	għandhom ikunu jistgħu jipprezzaw l-elementi speċifiċi ta' kull negozjant fil-parti mingħajr limitu tat-tariffa.

Or. en

Emenda 488
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke, Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Peress li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jqassmu l-euro diġitali ma jkunux f'pożizzjoni li jitolbu tariffi lil persuni fiżiċi għal servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali, tista' tkun meħtieġa tariffa bejn il-PSPs sabiex jiġi pprovdut kumpens lil dawk il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għall-kostijiet ta' distribuzzjoni. Jenħtieġ li t-tariffa bejn il-PSPs tipprovdi kumpens suffiċjenti għall-kostijiet tad-distribuzzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament kemm li jqassmu kif ukoll li jakkwistaw, inkluż marġni ta' profitt raġonevoli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 489
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) ***Peress li l-fornituri*** ta' servizzi ta' pagament ***li jqassmu*** l-euro diġitali ***ma jkunux f'pożizzjoni li jitolbu tariffi lil persuni fiżiċi għal servizzi bażiċi ta' pagament bl-euro diġitali, tista' tkun***	(45) ***Fil-livell tan-negozjant individwali jew tal-fornituri*** ta' servizzi ta' pagament***, jenħtieġ li l-ebda negozjant jew fornitur ta' servizzi ta' pagament ma jintalab tariffi oġħla meta mqabbla ma' servizzi***

meħtieġa tariffa bejn il-PSPs sabiex jiġi pprovdut kumpens lil dawk il-fornituri ta' servizzi ta' pagament għall-kostijiet ta' distribuzzjoni. Jenħtieġ li t-tariffa bejn il-PSPs tipprovdi kumpens suffiċjenti għall-kostijiet tad-distribuzzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament kemm li jqassmu kif ukoll li jakkwistaw, inkluż marġni ta' profitt raġonevoli.	***ta' akkwist jew ta' distribuzzjoni għal mezzi diġitali komparabbli ta' pagament li l-fornitur ta' servizzi ta' pagament jipprovdi lill-prenditur meta jirċievi servizzi bażiċi ta' akkwist jew meta jqassam*** l-euro diġitali.

Or. en

Emenda 490
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Id-distribuzzjoni tal-euro diġitali minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirrisjedu jew li huma stabbiliti barra miż-żona tal-euro tikkontribwixxi sabiex jitrawwem l-użu internazzjonali tal-euro. Dan iġib ukoll benefiċċji għaż-żona tal-euro u għal ekonomiji oħrajn billi jiffaċilita l-pagamenti transfruntiera għall-finijiet tal-kummerċ jew tar-rimessi, f'konformità mal-aġenda tal-G20.	***imħassar***

Or. en

Emenda 491
Tomáš Kubín, Enikő Győri, Jaroslava Pokorná Jermanová

Proposta għal regolament
Premessa 46a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(46a) Jekk in-negozjanti stabbiliti barra miż-żona tal-euro jitħallew jirċievu pagamenti bl-euro diġitali li jsiru mill-utenti tal-euro diġitali, mingħajr ma

jkunu jistgħu jkollhom l-euro diġitali, dan jippromwovi l-moviment liberu tas-servizzi ta' pagament madwar l-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt, l-effetti ta' din il-possibbiltà fuq il-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, fuq is-sovranità monetarja u l-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u ta' pajjiżi terzi, kif ukoll fuq l-issodisfar tal-kriterji ta' adeżjoni taż-żona tal-euro u l-proċess stabbilit fl-Artikolu 140 tat-TFUE għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, ikunu negliġibbli. In-negozjanti barra miż-żona tal-euro jkunu jistgħu jkollhom l-euro diġitali biss soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 18, 19 jew 20. Huwa għalhekk li n-negozjanti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, u n-negozjanti f'pajjiżi terzi, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minn utenti tal-euro diġitali li għandhom aċċess għall-euro diġitali skont l-Artikolu 13, mingħajr ma jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 18, 19 jew 20. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 18, 19 jew 20 u dment li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro, jew tal-pajjiż terz rilevanti, ma tipprojbix tali użu.

Or. en

Emenda 492
Hanna Gronkiewicz-Waltz, Siegfried Mureşan, Arba Kokalari, Janusz Lewandowski

Proposta għal regolament
Premessa 46a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(46a) Jekk in-negozjanti stabbiliti barra miż-żona tal-euro jithallew jirċievu

pagamenti bl-euro diġitali li jsiru mill-utenti tal-euro diġitali, mingħajr ma jkun jista' jkollhom l-euro diġitali, dan jippromwovi l-moviment liberu tas-servizzi ta' pagament madwar l-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt, l-effetti ta' din il-possibbiltà fuq il-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, fuq is-sovranità monetarja u l-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro u ta' pajjiżi terzi, kif ukoll fuq l-issodisfar tal-kriterji ta' adeżjoni taż-żona tal-euro u l-proċess stabbilit fl-Artikolu 140 tat-TFUE għall-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, ikunu negliġibbli. In-negozjanti barra miż-żona tal-euro jkunu jistgħu jkollhom l-euro diġitali biss soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 18, 19 jew 20. Huwa għalhekk li n-negozjanti fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, u n-negozjanti f'pajjiżi terzi, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu tranżazzjonijiet ta' pagament bl-euro diġitali minn utenti tal-euro diġitali li għandhom aċċess għall-euro diġitali skont l-Artikolu 13, mingħajr ma jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 18, 19 jew 20. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 18, 19 jew 20 u dment li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li l-munita tiegħu mhijiex l-euro, jew tal-pajjiż terz rilevanti, ma tipprojbix tali użu.

Or. en

Emenda 493
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(47) ***Distribuzzjoni eċċessiva*** tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro jista' jkollha ***impatt*** mhux ***mixtieq*** fuq id-daqs u fuq il-kompożizzjoni tal-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali. ***L-impatti fuq*** is-sovranità monetarja u fuq l-istabbiltà finanzjarja ta' ***pajjiżi li ma humiex fiż-żona tal-euro jistgħu jvarjaw ukoll skont l-użu tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro. Dawk l-impatti jistgħu jkunu ta' ħsara f'każ li l-euro diġitali jieħu post il-munita lokali f'numru kbir ta' tranżazzjonijiet domestiċi. B'mod partikolari, sitwazzjoni li fiha l-euro diġitali jsir dominanti fi Stat Membru li l-munita tiegħu ma tkunx l-euro, u b'hekk de facto jissostitwixxi l-munita nazzjonali, tista' tfixkel il-kriterji u l-proċess tal-adozzjoni taż-żona tal-euro stabbiliti fl-Artikolu 140 tat-TFUE. Sabiex jiġu evitati effetti mhux mixtieqa u jiġu evitati r-riskji għas-sovranità monetarja u għall-istabbiltà finanzjarja, kemm fiż-żona tal-euro kif ukoll barra minnha, huwa neċessarju li tiġi prevista l-possibbiltà li*** l-Unjoni tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, u li l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonkludi arranġamenti mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro u mal-banek ċentrali nazzjonali ta' pajjiżi terzi***, sabiex jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-forniment regolari ta' servizzi ta' pagament bl-euro diġitali lil utenti tal-euro diġitali li jirrisjedu jew stabbiliti barra miż-żona tal-euro***. ***Jenħtieġ li t-tali ftehimiet u arranġamenti ma jkoprux viżitaturi fiż-żona tal-euro, li lilhom il-fornituri ta' servizzi ta' pagament stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea***[31] ***, f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jistgħu jipprovdu direttament servizzi ta' pagament bl-euro diġitali.***

(47) ***Id-distribuzzjoni*** tal-euro diġitali barra miż-żona tal-euro jista' jkollha ***effetti simili għaċ-ċirkolazzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro barra miż-żona tal-euro. Faċilità akbar tal-aċċess tista' żżid il-kwantità ta' tali ċirkolazzjoni. Filwaqt li dan jirrifletti r-rwol internazzjonali aktar rilevanti tal-euro, jista' jwassal ukoll għal ċerti impatti*** mhux ***mixtieqa, inkluż effetti*** fuq id-daqs u fuq il-kompożizzjoni tal-karta bilanċjali konsolidata tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-banek ċentrali nazzjonali. ***B'mod simili għall-ewroizzazzjoni jew id-dollarizzazzjoni spontanji li sseħħ f'ħafna pajjiżi, inkluż xi Stati Membri li ma jużawx l-euro bħala l-munita tagħhom, tali żviluppi jistgħu jaffettwaw*** is-sovranità monetarja u fuq l-istabbiltà finanzjarja ta' ***dawk il-pajjiżi. Tali impatt jenħtieġ li jitqies meta*** l-Unjoni tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, u ***meta*** l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonkludi arranġamenti mal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro u mal-banek ċentrali nazzjonali ta' pajjiżi terzi.

[31] Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika

Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3).

Or. en

Emenda 494
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) ***Barra minn hekk,*** l-użu tal-euro diġitali fil-pagamenti bejn il-muniti ***jkun jikkontribwixxi sabiex jitrawwem l-użu internazzjonali tal-euro. Dan iġib ukoll benefiċċji għaż-żona tal-euro u għal ekonomiji oħrajn billi*** jiffaċilita l-pagamenti transfruntiera għall-finijiet tal-kummerċ jew tar-rimessi***, f'konformità mal-aġenda tal-G20***.	(51) L-użu tal-euro diġitali fil-pagamenti bejn il-muniti jiffaċilita l-pagamenti transfruntiera għall-finijiet tal-kummerċ jew tar-rimessi.

Or. en

Emenda 495
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Barra minn hekk, l-użu tal-euro diġitali fil-pagamenti bejn il-muniti jkun jikkontribwixxi sabiex jitrawwem l-użu internazzjonali tal-euro. Dan iġib ukoll benefiċċji għaż-żona tal-euro u għal ekonomiji oħrajn billi jiffaċilita l-pagamenti transfruntiera għall-finijiet tal-kummerċ jew tar-rimessi, f'konformità mal-aġenda tal-G20.	(51) Barra minn hekk, l-użu tal-euro diġitali fil-pagamenti bejn il-muniti jkun jikkontribwixxi sabiex jitrawwem l-użu internazzjonali tal-euro***, u r-reżiljenza u s-suċċess tal-munita***. Dan iġib ukoll benefiċċji għaż-żona tal-euro u għal ekonomiji oħrajn billi jiffaċilita l-pagamenti transfruntiera għall-finijiet tal-kummerċ jew tar-rimessi, f'konformità mal-aġenda tal-G20.

Or. en

Emenda 496
Fabio De Masi

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) L-utenti tal-euro diġitali, kemm jekk ikunu residenti kif ukoll jekk ikunu stabbiliti fiż-żona tal-euro jew le, jista' jkollhom ukoll il-kapaċità li jirċievu jew jibdew pagamenti bejn il-muniti bejn l-euro diġitali u munita lokali. L-arranġamenti konklużi bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro u f'pajjiżi terzi jenħtieġ li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-aċċess għal sistemi ta' pagament interoperabbli u għall-użu ta' dawn għall-finijiet ta' pagamenti bejn il-muniti li jinvolvu l-euro diġitali.	(52) L-utenti tal-euro diġitali, kemm jekk ikunu residenti kif ukoll jekk ikunu stabbiliti fiż-żona tal-euro jew le, jista' jkollhom ukoll il-kapaċità li jirċievu jew jibdew pagamenti bejn il-muniti bejn l-euro diġitali u munita lokali. L-arranġamenti konklużi bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro u f'pajjiżi terzi jenħtieġ li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-aċċess għal sistemi ta' pagament interoperabbli u għall-użu ta' dawn għall-finijiet ta' pagamenti bejn il-muniti li jinvolvu l-euro diġitali. ***Għal dan il-għan u biex tiżdied ir-reżiljenza, jenħtieġ li l-BĊE jiżviluppa sistema ta' pagament intra-Ewropea f'ħin reali, li telimina d-dgħufijiet ta' T2 u taħdem indipendentement mill-fornituri tal-cloud mill-Istati Uniti jew minn pajjiżi oħra mhux Ewropej.***

Or. de

Emenda 497
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Jenħtieġ li d-disinn tekniku tal-euro diġitali jagħmilha aċċessibbli b'mod wiesa' għall-pubbliku ġenerali u jista' jintuża minnu. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, dak	(54) Jenħtieġ li d-disinn tekniku tal-euro diġitali jagħmilha aċċessibbli b'mod wiesa' għall-pubbliku ġenerali u jista' jintuża minnu. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, dak

id-disinn jappoġġa l-aċċess għal persuni esklużi finanzjarjament jew għal persuni f'riskju ta' esklużjoni finanzjarja, għal persuni b'diżabilità billi jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà), għal persuni b'limitazzjonijiet funzjonali li jkunu jibbenefikaw ukoll mill-aċċessibbiltà, jew għal persuni b'ħiliet diġitali limitati u għal persuni anzjani. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu karatteristiċi tal-użu li jkunu sempliċi u faċli sabiex jiġu mmaniġġati, u jenħtieġ li jkun aċċessibbli biżżejjed permezz ta' firxa wiesgħa ta' apparati tal-hardware sabiex jaqdi l-ħtiġijiet ta' gruppi differenti tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali b'servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, irrispettivament minn dawk l-utenti li jkollhom kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-utenti jitħallew ikollhom kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament li jkunu differenti minn dawk li magħhom ikollhom kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali.	id-disinn jappoġġa l-aċċess għal persuni esklużi finanzjarjament jew għal persuni f'riskju ta' esklużjoni finanzjarja, għal persuni b'diżabilità billi jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[15]*** (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà), għal persuni b'limitazzjonijiet funzjonali li jkunu jibbenefikaw ukoll mill-aċċessibbiltà, jew għal persuni b'ħiliet diġitali limitati u għal persuni anzjani. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu karatteristiċi tal-użu li jkunu sempliċi u faċli sabiex jiġu mmaniġġati, u jenħtieġ li jkun aċċessibbli biżżejjed permezz ta' ***apparat mhux elettroniku fiżiku bħal karta u*** firxa wiesgħa ta' apparati tal-hardware sabiex jaqdi l-ħtiġijiet ta' gruppi differenti tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali b'servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, irrispettivament minn dawk l-utenti li jkollhom kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali. ***Din l-għażla jenħtieġ li tiġi offruta b'mod trasparenti u aċċessibbli.*** Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-utenti jitħallew ikollhom kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament li jkunu differenti minn dawk li magħhom ikollhom kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali.

[32] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

Or. en

Emenda 498
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Ľudovít Ódor

Proposta għal regolament
Premessa 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(54) Jenħtieġ li d-disinn tekniku tal-euro diġitali jagħmilha aċċessibbli b'mod wiesa' għall-pubbliku ġenerali u jista' jintuża minnu. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, dak id-disinn jappoġġa l-aċċess għal persuni esklużi finanzjarjament jew għal persuni f'riskju ta' esklużjoni finanzjarja, għal persuni b'diżabilità billi jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà), għal persuni b'limitazzjonijiet funzjonali li jkunu jibbenefikaw ukoll mill-aċċessibbiltà, jew għal persuni b'ħiliet diġitali limitati u għal persuni anzjani. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu karatteristiċi tal-użu li jkunu sempliċi u faċli sabiex jiġu mmaniġġati, u jenħtieġ li jkun aċċessibbli biżżejjed permezz ta' firxa wiesgħa ta' apparati tal-hardware sabiex jaqdi l-ħtiġijiet ta' gruppi differenti tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali b'servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, irrispettivament minn dawk l-utenti li jkollhom kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-utenti jitħallew ikollhom kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament li jkunu differenti minn dawk li magħhom ikollhom kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali.	(54) Jenħtieġ li d-disinn tekniku tal-euro diġitali jagħmilha aċċessibbli b'mod wiesa' għall-pubbliku ġenerali u jista' jintuża minnu. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, dak id-disinn jappoġġa l-aċċess għal persuni esklużi finanzjarjament jew għal persuni f'riskju ta' esklużjoni finanzjarja, għal persuni b'diżabilità billi jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà), għal persuni b'limitazzjonijiet funzjonali li jkunu jibbenefikaw ukoll mill-aċċessibbiltà, jew għal persuni b'ħiliet diġitali limitati u għal persuni anzjani. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-euro diġitali jkollu karatteristiċi tal-użu li jkunu sempliċi u faċli sabiex jiġu mmaniġġati, u jenħtieġ li jkun aċċessibbli biżżejjed permezz ta' firxa wiesgħa ta' apparati tal-hardware sabiex jaqdi l-ħtiġijiet ta' gruppi differenti tal-popolazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jipprovdu lill-utenti tal-euro diġitali b'servizzi ta' pagament bl-euro diġitali, irrispettivament minn dawk l-utenti li jkollhom kontijiet ta' pagament tal-euro mhux diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-utenti jitħallew ikollhom kontijiet ta' pagament bl-euro diġitali ma' fornituri ta' servizzi ta' pagament li jkunu differenti minn dawk li magħhom ikollhom kontijiet ta' pagament bl-euro mhux diġitali***, soġġetti għal ftehim bejn il-fornituri ta' servizz ta pagament rispettivi***.
[32] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).	[32] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

Emenda 499
Marco Falcone, Fulvio Martusciello, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 54a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(54a) L-euro diġitali jagħmel il-bażi monetarja disponibbli għall-pagamenti kollha tal-ħajja ta' kuljum fl-era diġitali. Id-disponibbiltà simultanja tal-euro diġitali għall-pagamenti online u offline u l-ammonti miżmumin tissodisfa l-objettivi tal-politika tal-euro diġitali. Dan jippermetti wkoll li l-utenti jkollhom bażi monetarja diġitali, jaħżnuhom offline f'apparat tal-ħżin lokali fiżiku għall-pagamenti mingħajr l-użu tal-konnettività (funzjonalità offline), u online fl-infrastruttura ta' saldu tal-euro diġitali (funzjonalità online) għall-pagamenti bl-użu tal-konnettività. Dan ir-regolament jestendi ħafna mill-benefiċċji tal-privatezza assoċjati mal-pagamenti fi flus kontanti, fejn l-utenti jistgħu jagħmlu pagamenti mingħajr l-involviment ta' xi ħadd għajr il-pagatur u l-prenditur, billi jiddefinixxi reġim dedikat tal-AML/tas-CFT għat-tranżazzjonijiet u l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali offline. Dan ir-reġim jintroduċi limitazzjonijiet, li xi wħud minnhom huma komparabbli ma' dawk li japplikaw għall-flus kontanti, għall-użu tal-euro diġitali offline, bħal restrizzjoni għall-użu għal pagamenti fil-viċinanza, tranżazzjonijiet u limiti fuq l-ammonti miżmumin. Min-naħa l-oħra, hemm riskju li, jekk l-apparat tal-ħżin lokali jintilef jew jinsteraq, l-utenti jitilfu l-fondi tagħhom, b'mod simili għal kartiera mitlufa jew misruqa. Bl-ammonti miżmumin u t-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali online, il-pagamenti bl-imnut jistgħu jsiru fiż-żona tal-euro kollha,

irrispettivament minn jekk isirux fil-viċinanza jew b'mod remot, u l-applikazzjoni tal-qafas eżistenti tal-AML/tas-CFT għal dawk il-pagamenti tindirizza r-riskji assoċjati mal-funzjonalità online.

Or. en

Emenda 500
Pasquale Tridico
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 54a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(54a) L-euro diġitali jiżgura li l-bażi monetarja tibqa' disponibbli għall-pagamenti ta' kuljum f'ambjent diġitali modern. L-offerta ta' funzjonalitajiet kemm online kif ukoll offline għall-pagamenti u l-ammonti miżmumin tappoġġa l-objettivi tal-politika tal-euro diġitali. L-utenti jistgħu jżommu l-bażi monetarja diġitali offline fuq apparat tal-ħżin lokali fiżiku għall-pagamenti li jsiru mingħajr konnettività, u online fl-infrastruttura ta' saldu tal-euro diġitali għall-pagamenti li jirrikjedu l-konnettività. Dan ir-regolament jippreżerva wkoll diversi mill-karatteristiċi ta' privatezza assoċjati mal-flus kontanti, li jippermettu lill-utenti jagħmlu pagamenti mingħajr l-involviment ta' xi ħadd għajr il-pagatur u l-prenditur, billi jistabbilixxi reġim dedikat tal-AML/tas-CFT għat-tranżazzjonijiet u l-ammonti miżmumin tal-euro diġitali offline. Ir-reġim jistabbilixxi ċerti limitazzjonijiet fuq l-użu offline, b'mod simili għal dawk applikabbli għall-flus kontanti, inkluż ir-restrizzjoni tiegħu għal pagamenti fil-viċinanza, kif ukoll tranżazzjonijiet u limiti fuq l-ammonti miżmumin. Fl-istess waqt, jekk apparat tal-ħżin lokali jintilef

jew jinsteraq, l-utent jista' jitlef il-fondi korrispondenti, bħal meta jitlef kartiera. Għall-ammonti miżmumin u t-tranżazzjonijiet tal-euro diġitali online, il-pagamenti bl-imnut jistgħu jsiru fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro, irrispettivament minn jekk isirux fil-viċinanza jew b'mod remot, u l-applikazzjoni tal-qafas eżistenti tal-AML/tas-CFT għal tali pagamenti timmitiga r-riskji inerenti għall-funzjonalità online.

Or. en

Emenda 501
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Jenħtieġ li l-euro diġitali jappoġġa ***l-programmazzjoni*** ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti kundizzjonali diġitali bl-euro mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament***. Madankollu, jenħtieġ li l-euro diġitali ma jkunx "flus programmabbli", li jfisser unitajiet li, minħabba*** kundizzjonijiet ta' nfiq definiti b'mod intrinsiku***, jistgħu jintużaw biss*** għax-xiri ta' tipi ***speċifiċi*** ta' oġġetti jew ta' servizzi, jew huma soġġetti għal termini li wara ma jkunux għadhom jistgħu jintużaw. Tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali huma pagamenti li jiġu attivati awtomatikament minn software fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet definiti minn qabel u miftehmin***. Jenħtieġ li l-pagamenti kundizzjonali jkollhom, bħala oġġett jew effett, l-użu ta' euro diġitali bħala flus programmabbli***. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiżviluppaw tipi differenti ta' loġika sabiex joffru firxa ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali lil utenti tal-euro diġitali, inklużi tranżazzjonijiet ta'	(55) Jenħtieġ li l-euro diġitali jappoġġa ***xi ftit mill-programmazzjoni*** ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti kundizzjonali diġitali bl-euro mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament***, inkluż*** kundizzjonijiet ta' nfiq definiti b'mod intrinsiku għax-xiri ta' ***ċerti*** tipi ta' oġġetti jew ta' servizzi, jew ***tranżazzjonijiet li*** huma soġġetti għal termini li wara ma jkunux għadhom jistgħu jintużaw. Tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali huma pagamenti li jiġu attivati awtomatikament minn software fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet definiti minn qabel u miftehmin. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiżviluppaw tipi differenti ta' loġika sabiex joffru firxa ta' tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali lil utenti tal-euro diġitali, inklużi tranżazzjonijiet ta' pagament awtomatizzati għat-tqegħid jew għall-prelevament tal-euro diġitali, ordnijiet permanenti ta' pagament li jiskattaw pagamenti awtomatiċi ta' ammont speċifiku f'data

pagament awtomatizzati għat-tqegħid jew għall-prelevament tal-euro diġitali, ordnijiet permanenti ta' pagament li jiskattaw pagamenti awtomatiċi ta' ammont speċifiku f'data speċifika, u pagamenti bejn magni f'każijiet li fihom dawk il-magni jkunu pprogrammati sabiex jiskattaw awtomatikament pagamenti għall-partijiet tal-bdil tagħhom stess meta jordnawhom, għall-ipprezzar u għall-ħlas tal-elettriku bl-aktar kundizzjonijiet favorevoli tas-suq, għall-ħlas tal-assigurazzjoni, u għat-tariffi ta' lokazzjoni u ta' manutenzjoni fuq il-bażi tal-użu.

speċifika, u pagamenti bejn magni f'każijiet li fihom dawk il-magni jkunu pprogrammati sabiex jiskattaw awtomatikament pagamenti għall-partijiet tal-bdil tagħhom stess meta jordnawhom, għall-ipprezzar u għall-ħlas tal-elettriku bl-aktar kundizzjonijiet favorevoli tas-suq, għall-ħlas tal-assigurazzjoni, u għat-tariffi ta' lokazzjoni u ta' manutenzjoni fuq il-bażi tal-użu.

Or. en

Emenda 502
Nikos Papandreou, Aurore Lalucq, Evelyn Regner, Carla Tavares, Jonás Fernández, Thomas Bajada, Matthias Ecke

Proposta għal regolament
Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(55) Jenħtieġ li l-euro diġitali jappoġġa l-programmazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti kundizzjonali diġitali bl-euro mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. Madankollu, jenħtieġ li l-euro diġitali ma jkunx "flus programmabbli", li jfisser unitajiet li, minħabba kundizzjonijiet ta' nfiq definiti b'mod intrinsiku, jistgħu jintużaw biss għax-xiri ta' tipi speċifiċi ta' oġġetti jew ta' servizzi, jew huma soġġetti għal termini li wara ma jkunux għadhom jistgħu jintużaw. Tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali huma pagamenti li jiġu attivati awtomatikament minn software fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet definiti minn qabel u miftehmin. Jenħtieġ li l-pagamenti kundizzjonali jkollhom, bħala oġġett jew effett, l-użu ta' euro diġitali bħala flus programmabbli. Il-fornituri ta' servizzi ta' pagament jistgħu jiżviluppaw tipi differenti ta' loġika sabiex joffru firxa	(55) Jenħtieġ li l-euro diġitali jappoġġa l-programmazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti kundizzjonali diġitali bl-euro mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament. Madankollu, jenħtieġ li l-euro diġitali ma jkunx "flus programmabbli", li jfisser unitajiet li, minħabba kundizzjonijiet ta' nfiq definiti b'mod intrinsiku, jistgħu jintużaw biss għax-xiri ta' tipi speċifiċi ta' oġġetti jew ta' servizzi, jew huma soġġetti għal termini li wara ma jkunux għadhom jistgħu jintużaw***. Il-ħtieġa ta' funġibbiltà b'parità tal-euro diġitali mal-karti tal-flus tal-euro, li l-istatus ta' valuta legali tagħhom huwa minqux fit-Trattat u l-muniti tal-euro loġikament teskludi kwalunkwe forma ta' flus programmabbli***. Tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali huma pagamenti li jiġu attivati awtomatikament minn software fuq il-bażi ta' kundizzjonijiet definiti minn

ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagament kundizzjonali lil utenti tal-euro diġitali, inklużi tranżazzjonijiet ta’ pagament awtomatizzati għat-tqegħid jew għall-prelevament tal-euro diġitali, ordnijiet permanenti ta’ pagament li jiskattaw pagamenti awtomatiċi ta’ ammont speċifiku f’data speċifika, u pagamenti bejn magni f’każijiet li fihom dawk il-magni jkunu pprogrammati sabiex jiskattaw awtomatikament pagamenti għall-partijiet tal-bdil tagħhom stess meta jordnawhom, għall-ipprezzar u għall-ħlas tal-elettriku bl-aktar kundizzjonijiet favorevoli tas-suq, għall-ħlas tal-assigurazzjoni, u għat-tariffi ta’ lokazzjoni u ta’ manutenzjoni fuq il-bażi tal-użu.

qabel u miftehmin. Jenħtieġ li l-pagamenti kundizzjonali jkollhom, bħala oġġett jew effett, l-użu ta’ euro diġitali bħala flus programmabbli. Il-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament jistgħu jiżviluppaw tipi differenti ta’ loġika sabiex joffru firxa ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagament kundizzjonali lil utenti tal-euro diġitali, inklużi tranżazzjonijiet ta’ pagament awtomatizzati għat-tqegħid jew għall-prelevament tal-euro diġitali, ordnijiet permanenti ta’ pagament li jiskattaw pagamenti awtomatiċi ta’ ammont speċifiku f’data speċifika, u pagamenti bejn magni f’każijiet li fihom dawk il-magni jkunu pprogrammati sabiex jiskattaw awtomatikament pagamenti għall-partijiet tal-bdil tagħhom stess meta jordnawhom, għall-ipprezzar u għall-ħlas tal-elettriku bl-aktar kundizzjonijiet favorevoli tas-suq, għall-ħlas tal-assigurazzjoni, u għat-tariffi ta’ lokazzjoni u ta’ manutenzjoni fuq il-bażi tal-użu.

Or. en

Emenda 503
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(56) Sabiex jiġu ffaċilitati l-użu tal-euro diġitali u l-forniment ta’ servizzi innovattivi, jenħtieġ li l-Eurosistema ssostni l-forniment ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagament kundizzjonali bl-euro diġitali. L-ewwel nett, xi tipi ta’ servizzi ta’ pagament kundizzjonali jistgħu jiġu sostnuti permezz ta’ miżuri, regoli u standards dettaljati li jistgħu jgħinu lill-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament jiżviluppaw u joperaw applikazzjonijiet interoperabbli li jeżegwixxu loġika kundizzjonali***. Dan jista’ jinkludi sett ta’ għodod tekniċi***	(56) Sabiex jiġu ffaċilitati l-użu tal-euro diġitali u l-forniment ta’ servizzi innovattivi, jenħtieġ li l-Eurosistema ssostni l-forniment ta’ tranżazzjonijiet ta’ pagament kundizzjonali bl-euro diġitali. L-ewwel nett, xi tipi ta’ servizzi ta’ pagament kundizzjonali jistgħu jiġu sostnuti permezz ta’ miżuri, regoli u standards dettaljati li jistgħu jgħinu lill-forniturі ta’ servizzi ta’ pagament jiżviluppaw u joperaw applikazzjonijiet interoperabbli li jeżegwixxu loġika kundizzjonali. It-tieni, l-Eurosistema tista’ tipprovdi funzjonalitajiet

bħall-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. It-tieni, l-Eurosistema tista' tipprovdi funzjonalitajiet addizzjonali fl-infrastruttura diġitali għas-saldu tal-euro, neċessarji għall-forniment ta' servizzi ta' pagament kundizzjonali lil utenti tal-euro diġitali. Dan jista' jiffaċilita r-riżerva ta' fondi fl-infrastruttura tas-saldu għall-eżekuzzjoni futura ta' xi pagamenti kundizzjonali. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jadattaw il-loġika tan-negozju għal tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali f'konformità mal-istandards u mal-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet li l-Eurosistema tista' tadotta sabiex tiffaċilita tali tranżazzjonijiet.

addizzjonali fl-infrastruttura diġitali għas-saldu tal-euro, neċessarji għall-forniment ta' servizzi ta' pagament kundizzjonali lil utenti tal-euro diġitali. Dan jista' jiffaċilita r-riżerva ta' fondi fl-infrastruttura tas-saldu għall-eżekuzzjoni futura ta' xi pagamenti kundizzjonali. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament jadattaw il-loġika tan-negozju għal tranżazzjonijiet ta' pagament kundizzjonali bl-euro diġitali f'konformità mal-istandards u mal-interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet li l-Eurosistema tista' tadotta sabiex tiffaċilita tali tranżazzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Vaga wisq

Emenda 504
Sibylle Berg

Proposta għal regolament
Premessa 56a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56a) Sabiex l-euro diġitali joffri lill-konsumaturi benefiċċji li jistgħu jitqabblu mas-soluzzjonijiet ta' pagament eżistenti, jenħtieġ li dan jippermetti l-parteċipazzjoni volontarja fi programmi ta' bonus, punti u lealtà, kif isir b'mod komuni b'ħafna karti ta' kreditu llum. Madankollu, dawn il-benefiċċji jistgħu jingħataw biss f'forma li tirrispetta l-privatezza u mhux traċċabbli. B'mod partikolari, la d-data dwar il-pagamenti u lanqas kwalunkwe informazzjoni dwar l-imġiba li tirriżulta minnha ma tista' tiġi ddivulgata lill-fornituri ta' programmi jew

servizzi. Għalhekk, jenħtieġ li l-mekkaniżmi tal-bonus ikunu bbażati fuq teknoloġiji li jippromwovu l-privatezza, bħall-ipproċessar lokali, il-psewdonimizzazzjoni, l-awtentikazzjoni kriptografika, jew soluzzjonijiet oħra li jiżguraw li ma jinħoloq l-ebda profil dwar l-imġiba tal-pagamenti tal-utenti.

Or. de

(Ara wkoll l-Artikolu 24a ġdid).

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' programmi ta' bonus u lealtà li jirrispettaw il-privatezza toffri tliet benefiċċji kruċjali. L-ewwel nett, l-euro diġitali f'daqqa waħda jidher inqas bħala proġett governattiv tas-seklu li għadda. It-tieni, l-Ewropa takkwista xi ħaġa li, bi ftit rieda tajba, tista' tissejjaħ sovranità tad-data. It-tielet, irridu nħossuna inqas dipendenti minn sistemi ta' pagament globali li jafu aktar dwar l-istil ta' ħajja tagħna milli jafu l-familji tagħna stess (għalkemm għal xi wħud, dan jaf ikun aħjar).